



**KUNSILL
TAL-UNJONI EWROPEA**

**Brussell, 19 ta' April 2011 (03.05)
(OR. en)**

9324/11

**DAPIX 38
TELECOM 47
COPEN 85**

NOTA TA' TIFSIR

minn:	Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmit mis-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur
data meta waslet:	18 ta' April 2011
lil:	Is-Sur Pierre de BOISSIEU, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2011) 225 finali
Suġġett:	RAPPORT MILL-KUMMISSJONI LILL-KUNSILL U LILL-PARLAMENT EWROPEW - Rapport ta' evalwazzjoni dwar id-Direttiva dwar iż-Żamma tad-Dejta (id-Direttiva 2006/24/KE)

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż dokument tal-Kummissjoni COM(2011) 225 finali.

Mehmuż: COM(2011) 225 finali



KUMMISSJONI EWROPEA

Brussell 18.4.2011
KUMM(2011) 225 finali

**RAPPORT MILL-KUMMISSJONI LILL-KUNSILL U LILL-PARLAMENT
EWROPEW**

**Rapport ta' evalwazzjoni dwar id-Direttiva dwar iż-Żamma tad-Dejta (id-
Direttiva 2006/24/KE)**

RAPPORT MILL-KUMMISSJONI LILL-KUNSILL U LILL-PARLAMENT EWROPEW

Rapport ta' evalwazzjoni dwar id-Direttiva dwar iż-Żamma tad-Dejta (id- Direttiva 2006/24/KE)

1. INTRODUZZJONI

Id-Direttiva dwar iż-Żamma tad-Dejta¹ (minn hawn 'il quddiem "id-Direttiva") teżiġi li l-Istati Membri jobbligaw lill-fornituri ta' servizzi ta' komunikazzjoni elettronika disponibbli għall-pubbliku jew ta' networks ta' komunikazzjonijiet pubbliċi (minn hawn 'il quddiem l-"operaturi") li jżommu d-dejta dwar it-traffiku u dwar il-lok għal bejn sitt xhur u sentejn għal skopijiet ta' investigazzjoni, skoperta u prosekuzzjoni ta' kriminalità serja.

Dan ir-rapport mill-Kummissjoni jevalwa, skont l-Artikolu 14 tad-Direttiva, l-applikazzjoni tagħha mill-Istati Membri u l-impatt tagħha fuq l-operaturi ekonomiċi u l-konsumaturi, fejn jittieħdu inkunsiderazzjoni żviluppi ulterjuri fit-teknoloġija tal-komunikazzjonijiet elettroniċi u l-istatistiċi mogħtija lill-Kummissjoni, bl-iskop li jiġi ddeterminat jekk ikunx meħtieġ li jiġu emendati d-dispożizzjonijiet tagħha, b'mod partikolari fir-rigward tal-kopertura tad-dejta u tal-perjodi ta' żamma tagħha. Dan ir-rapport jeżamina wkoll l-implikazzjonijiet tad-Direttiva għad-drittijiet fundamentali, fid-dawl tal-kritika li saret b'mod ġenerali fir-rigward taż-żamma tad-dejta, u jeżamina jekk humiex meħtieġa miżuri sabiex ikun indirizzat tħassib assoċjat mal-użu ta' SIM cards anonimi għal skopijiet ta' kriminalità².

B'mod ġenerali, l-evalwazzjoni wriet li iż-żamma tad-dejta hija għodda meħtieġa għas-sistemi tal-ġustizzja kriminali u għall-infurzar tal-liġi fl-UE. Il-kontribut tad-Direttiva għall-armonizzazzjoni taż-żamma tad-dejta kien limitat f'termini ta', pereżempju, il-limitazzjoni tal-iskop, il-perjodi taż-żamma kif ukoll il-qasam tar-rimbors tal-ispejjeż li jagħmlu l-operaturi, li huwa barra mill-ambitu tagħha. Meta jiġu kkunsidrati l-implikazzjonijiet u r-riskji għas-suq intern u għar-rispett għad-dritt għall-privatezza u għall-protezzjoni tad-dejta personali, l-UE għandha tkompli tiżgura ruħha permezz ta' regoli komuni li standards għoljin għall-ħżin, għall-irkupru u għall-użu tad-dejta dwar it-traffiku u dwar il-lok jinżammu b'mod konsistenti. Fid-dawl ta' dawn il-konklużjonijiet, il-Kummissjoni biħsiebha tipproponi emendi għad-Direttiva, fuq il-bażi ta' valutazzjoni tal-impatt.

¹ Id-Direttiva 2006/24/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2006 dwar iż-żamma ta' data ġġenerata jew ipproċessata b'konnessjoni mal-provvista ta' servizzi pubblikament disponibbli ta' komunikazzjoni elettronika jew ta' networks ta' komunikazzjoni pubblika u li temenda d-Direttiva 2002/58/KE, ĠU L 105, 13.4.2006, p. 54-63

² Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-ġlieda kontra l-użu ħażin u l-użu anonimu kriminali tal-komunikazzjonijiet elettroniċi [traduzzjoni mhux uffiċjali], L-2 908 laqgħa tal-Kunsill tal-Ġustizzja u l-Affarijiet Interni - Brussell, is-27 u t-28 ta' Novembru 2008

2. L-ISFOND GĦAL DIN L-EVALWAZZJONI

Dan ir-rapport ta' evalwazzjoni huwa msejjes fuq diskussjonijiet estensivi ma' u fuq il-kontributi tal-Istati Membri, tal-esperti u tal-partijiet interessati.

F' Mejju 2009, il-Kummissjoni ospitat konferenza bl-isem "Lejn l-Evalwazzjoni tad-Direttiva dwar iż-Żamma tad-Dejta [Towards the Evaluation of the Data Retention Directive]" li għaliha attendew awtoritajiet tal-protezzjoni tad-dejta, is-settur privat, is-soċjetà ċivili u l-qasam akkademiku. F' Settembru 2009, il-Kummissjoni bagħtet kwestjonarju lill-partijiet interessati minn dawn il-gruppi, li għalih irċieviet madwar 70 twegiba³. Il-Kummissjoni ospitat konferenza oħra f' Diċembru 2010, "Kif għandna nimplimentaw id-Direttiva dwar iż-Żamma tad-Dejta [Taking on the Data Retention Directive]" li għaliha attendew firxa simili ta' partijiet interessati, sabiex ikunu kondiviżi valutazzjonijiet preliminari tad-Direttiva u jkunu diskussi l-isfidi futuri fil-qasam.

Il-Kummissjoni ltaqgħet ma' rappreżentanti minn kull Stat Membru u minn kull pajjiż assoċjat taż-Żona Ekonomika Ewropea minn Ottubru 2009 sa Marzu 2010 sabiex tiddiskuti f' iktar dettall, kwistjonijiet fil-kwestjonarju li jikkonċernaw it-tħaddim tad-Direttiva. L-Istati Membri bdew japplikaw id-Direttiva iktar tard milli kien mistenni, partikolarment fir-rigward tad-dejta relatata mal-internet. Id-dewmien fir-traspożizzjoni kien ifisser li disa' Stati Membri setgħu jipprovdu lill-Kummissjoni għall-2008 jew 2009 l-statistika kollha meħtieġa mill-Artikolu 10 tad-Direttiva, minkejja li b'mod ġenerali 19-il Stat Membru pprovdew xi statistika (ara Taqsima 4.7). Il-Kummissjoni kitbet lill-Istati Membri f' Lulju 2010, fejn talbet iktar informazzjoni kwantitattiva u kwalitattiva relatata mal-ħtieġa tad-dejta miżmuma sabiex jinkisbu riżultati fil-qasam tal-infurzar tal-liġi. Għaxar Stati Membri wiegħbu b'dettalji ta' każi speċifiċi li għalhom kienet meħtieġa d-dejta⁴.

Dan ir-rapport huwa msejjes fuq dokumenti dwar pożizzjoni adottati mill-"Pjattaforma dwar iż-Żamma ta' Dejta Elettronika għall-Investigazzjoni, l-Iskoperta u l-Prosekuzzjoni ta' Kriminalità Serja"⁵ minn mindu ġiet stabbilita fl-2008. Il-Kummissjoni ħadet inkunsiderazzjoni r-rapporti tal-Grupp ta' Ħidma tal-Artikolu 29⁶ dwar il-Protezzjoni tad-Dejta, b'mod partikolari r-rapport tiegħu dwar it-tieni azzjoni ta' infurzar, jiġifieri, l-

³ It-tweġibiet ġew ippubblikati fuq il-websajt tal-Kummissjoni (http://ec.europa.eu/home-affairs/news/consulting_public/consulting_0008_en.htm)

⁴ Il-Belġju, ir-Repubblika Ċeka, Ċipru, il-Litwanja, l-Ungerija, il-Pajjiżi l-Baxxi, il-Polonja, is-Slovenja, ir-Renju Unit. L-Isvezja rrapportat ukoll diversi każi ta' delitti serji speċifiċi li fihom id-dejta storika, li kienet disponibbli minkejja n-nuqqas tal-obbligu taż-żamma tad-dejta, kienet kruċjali biex jiġu żgurati l-kundanni.

⁵ Dan il-grupp ta' esperti kien stabbilit taħt id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/324/KE, ĠU L 111, 23.04.2008, p. 11-14. Il-Kummissjoni ltaqgħet mal-grupp b'mod regolari. Id-dokumenti dwar pożizzjoni tiegħu huma ppubblikati fuq http://ec.europa.eu/justice_home/doc_centre/police/doc_police_intro_en.htm

⁶ Ir-Rapport 01/2010 dwar it-tieni azzjoni konġunta ta' infurzar: Il-konformità fuq il-livell nazzjonali tal-fornituri tat-telekomunikazzjonijiet u ta' dawk li jipprovdu servizz tal-internet mal-obbligi mitluba mil-leġiżlazzjoni nazzjonali dwar iż-żamma tad-dejta dwar it-traffiku fuq il-bażi legali tal-Artikoli 6 u 9 tad-Direttiva 2002/58/KE dwar il-Privatezza Elettronika u d-Direttiva 2006/24/KE dwar iż-Żamma tad-Dejta li temenda d-Direttiva dwar il-Privatezza Elettronika" [traduzzjoni mhux uffiċjali] (WP 172), 13.07.2010, aċċessibbli fuq http://ec.europa.eu/justice/policies/privacy/workinggroup/wpdocs/2010_en.htm.

valutazzjoni tal-konformità tiegħu tal-Istati Membri mar-rekwiżiti tal-protezzjoni tad-dejta u tas-sigurtà tad-dejta tad-Direttiva⁷.

3. IŻ-ŻAMMA TAD-DEJTA FL-UNJONI EWROPEA

3.1. L-ipproċessar tad-dejta għal skopijiet kummerċjali

Il-fornituri tas-servizzi u tan-netwerks (minn hawn 'il quddiem l-“operaturi”), jipproċessaw, bħala parti mill-attività kummerċjali tagħhom, ammont sostanzjali ta' dejta personali sabiex jitrażmettu komunikazzjoni, jibagħtu kontijiet, għal ħlasijiet ta' interkonnessjoni, għal kummerċjalizzazzjoni u għal ċerti servizzi oħrajn b'valur miżjud. Ipproċessar ta' din ix-xorta jinvolvi dejta li tindika s-sors, id-destinazzjoni, id-data, il-ħin, it-tul u t-tip ta' komunikazzjoni, kif ukoll it-tagħmir ta' komunikazzjoni tal-utenti u, fil-każ tat-telefonija ċellulari, il-lok fejn jinsab it-tagħmir. Skont id-Direttiva 2002/58/KE dwar il-privatezza fil-komunikazzjonijiet elettroniċi (minn hawn 'il quddiem “id-Direttiva dwar il-Privatezza Elettronika”)⁸ tali dejta dwar it-traffiku ġġenerata permezz tal-użu ta' servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi fil-prinċipju trid titħassar jew issir anonima meta dik id-dejta ma tkunx iktar meħtieġa għat-trażmissjoni ta' komunikazzjoni, ħlief fejn, u biss sakemm, tkun meħtieġa għal skopijiet ta' kontijiet, jew fejn ikun inkiseb il-kunsens tal-abbonat jew tal-utent. Dejta dwar il-lok tista' tiġi pproċessata biss jekk issir anonima jew bil-kunsens tal-utent konċernat, sakemm u għall-perjodu neċessarju u għall-forniment ta' servizz b'valur miżjud.

Qabel id-dħul fis-seħħ tad-Direttiva, taħt ċerti kundizzjonijiet, l-awtoritajiet nazzjonali kienu jitolbu aċċess għal tali dejta mill-operaturi sabiex, pereżempju, jidentifikaw l-abbonati li jużaw indirizz IP (Protokoll tal-Internet), janalizzaw attivitajiet ta' komunikazzjonijiet u jidentifikaw il-lok fejn jinsab telefon ċellulari.

Fil-livell tal-UE, iż-żamma u l-użu tad-dejta għal skopijiet ta' infurzar tal-liġi kienu indirizzati għall-ewwel darba mid-Direttiva 97/66/KE rigward l-ipproċessar ta' dejta personali u l-protezzjoni tal-privatezza fis-settur tat-telekomunikazzjonijiet. Id-Direttiva pprovdiet għall-ewwel darba għall-possibbiltà li l-Istati Membri jadottaw tali miżuri leġiżlattivi, fejn dan ikun meħtieġ għall-protezzjoni tas-sigurtà pubblika, tad-difiża jew tal-ordni pubbliku, inkluż il-benesseri ekonomiku tal-Istat meta l-attivitajiet ikunu relatati ma' kwistjonijiet tas-sigurtà tal-Istat u għall-infurzar tal-liġi kriminali⁹.

Dik id-dispożizzjoni kienet żviluppata iktar fid-Direttiva dwar il-Privatezza Elettronika li tipprovdri għall-possibbiltà li Stati Membri jadottaw miżuri leġiżlattivi b'deroga mill-prinċipju

⁷ Il-Grupp ta' Ħidma għall-Protezzjoni ta' Individwi dwar Ipproċessar ta' Data [Dejta] Personali kien stabbilit skont l-Artikolu 29 tad-Direttiva dwar il-Protezzjoni tad-Dejta (Id-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 95/46/KE tal-24 ta' Ottubru, 1995 dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' dik id-data (ĠU L 281, 23.11.1995, p. 31).

⁸ Id-Direttiva 2002/58/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Lulju 2002 dwar l-ipproċessar tad-data personali u l-protezzjoni tal-privatezza fis-settur tal-komunikazzjoni elettronika (Direttiva dwar il-privatezza u l-komunikazzjoni elettronika) (ĠU L 201, 31/07/2002, p. 0037 – 0047).

⁹ L-Artikolu 14(1) tad-Direttiva 97/66/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Diċembru 1997 dwar l-ipproċessar tad-dejta personali u l-protezzjoni tal-privatezza fis-settur tat-telekomunikazzjonijiet [traduzzjoni mhux uffċjali] (ĠU L 24, 30.1.1998, p. 1–8);

tal-kunfidenzjalità tal-komunikazzjonijiet, inkluż taħt ċerti kundizzjonijiet iż-żamma ta', l-aċċess għal u l-użu ta' dejta għal skopijiet ta' infurzar tal-liġi. L-Artikolu 15(1) jippermetti li l-Istati Membri jirrestrinġu d-drittijiet u l-obbligi tal-privatezza, inkluż billi d-dejta tinżamm għal perjodu limitat fejn dan ikun "neċessarju, xieraq u [proporzjonat] f'soċjeta' demokratika biex tiġi salvagwardjata s-sigurtà nazzjonali (i.e. is-sigurtà tal-Istat), id-difiża, is-sigurtà pubblika, u l-prevenzjoni, investigazzjoni, skoperta u prosekuzzjoni ta' reati kriminali jew ta' użu mhux awtorizzat tas-sistema ta' komunikazzjoni elettronika".

Ir-rwol tad-dejta miżmuma f'sistemi tal-ġustizzja kriminali u fl-infurzar tal-liġi qed jiġi diskuss ulterjorment fit-Taqsima 5.

3.2. L-għan tad-Direttiva dwar iż-Żamma tad-Dejta u l-bażi legali tagħha

Bħala konsegwenza tad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 97/66/KE u tad-Direttiva dwar il-Privatezza Elettronika, li jippermettu li l-Istati Membri jadottaw leġiżlazzjoni dwar iż-żamma tad-dejta, l-operaturi f'uħud mill-Istati Membri kellhom jixtru tagħmir għaż-żamma tad-dejta u jimpjegaw persunal sabiex jirkupra dejta f'isem l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi, filwaqt li l-fornituri fi Stati Memmbri oħrajn ma kellhomx jagħmlu dan, li wassal għal distorsjonijiet fis-suq intern. Barra minn hekk, it-tendenzi fil-mudelli tan-negozju u fl-offerti ta' servizzi, bħat-tkabbir fit-tariffi b'rata fissa kif ukoll f'servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi mħallsin minn qabel u bla ħlas, kienu jfissru li l-operaturi gradwalment waqfu jaħżnu dejta dwar it-traffiku u dwar il-lok għal skopijiet ta' kontijiet biex b'hekk naqqsu d-disponibbiltà ta' dejta ta' din ix-xorta għal skopijiet tal-ġustizzja kriminali u l-infurzar tal-liġi. L-attakki terroristiċi f'Madrid fl-2004 u f'Londra fl-2005 żiedu ċerta urġenza mad-diskussjonijiet fuq il-livell tal-UE dwar kif għandhom jiġu indirizzati dawn il-kwistjonijiet.

Fuq dan l-isfond, id-Direttiva dwar iż-Żamma tad-Dejta imponiet obbligu fuq l-Istati Membri biex il-fornituri ta' servizzi ta' komunikazzjoni elettronika disponibbli għall-pubbliku u ta' netwerks ta' komunikazzjonijiet pubbliċi jżommu dejta dwar komunikazzjonijiet għall-iskopijiet ta' investigazzjoni, skoperta u prosekuzzjoni ta' kriminalità serja, kif definita minn kull Stat Membru fil-liġi nazzjonali tiegħu u pprovat tarmonizza ċerti kwistjonijiet relatati mal-UE kollha.

Id-Direttiva emendat l-Artikolu 15(1) tad-Direttiva dwar il-Privatezza Elettronika billi żiedet paragrafu li jstipula li l-Artikolu 15(1) ma japplikax għad-dejta miżmuma skont id-Direttiva dwar iż-Żamma tad-Dejta¹⁰. Għaldaqstant, l-Istati Membri (kif dikjarat fil-Premessa 12 tad-Direttiva) ikomplu jistgħu jidderogaw mill-prinċipju tal-kunfidenzjalità tal-komunikazzjonijiet. Id-Direttiva (dwar iż-Żamma tad-Dejta) tirregola biss iż-żamma tad-dejta għall-iskop iktar limitat tal-investigazzjoni, tal-iskoperta u tal-prosekuzzjoni tal-kriminalità serja.

¹⁰ L-Artikolu 11 tad-Direttiva jipprovdi: "Il-paragrafu li ġej għandu jiddaħħal fl-Artikolu 15 tad-Direttiva 2002/58/KE: '1a. Il-paragrafu 1 ma għandux japplika għal data speċifikament meħtieġa mid-Direttiva 2006/24/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2006 dwar iż-żamma ta' data ġenerata jew proċessata b'konnessjoni mal-provvista ta' servizzi pubblikament disponibbli ta' komunikazzjoni elettronika jew ta' networks ta' komunikazzjoni pubblika sabiex tinżamm għar-raġunijiet imsemmija fl-Artikolu 1(1) ta' dik id-Direttiva'."

Din ir-relazzjoni legali kumplessa bejn id-Direttiva u d-Direttiva dwar il-Privatezza Elettronika, flimkien man-nuqqas ta' definizzjoni fi kwalunkwe waħda miż-żewġ direttivi tal-kunċett ta' "reati [delitti] serji", jagħmluha diffiċli biex issir distinzjoni, min-naħa l-waħda, bejn il-miżuri meħuda mill-Istati Membri sabiex jittrasponu l-obbligi taż-żamma tad-dejta stabbiliti fid-Direttiva u, min-naħa l-oħra, il-prattika iktar ġenerali taż-żamma tad-dejta fl-Istati Membri permessa mill-Artikolu 15(1) tad-Direttiva dwar il-Privatezza Elettronika¹¹. Dan qed jiġi diskuss ulterjorment fit-Taqsima 4.

Id-Direttiva hija bbażata fuq l-Artikolu 95 tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea (sostitwit mill-Artikolu 114 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea) li jikkonċerna l-istabbiliment u t-tħaddim tas-suq intern. Wara l-adozzjoni tad-Direttiva, il-bażi legali tagħha kienet impunjata quddiem il-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja minħabba li l-għanijiet prinċipali kienu l-investigazzjoni, l-iskoperta u l-prosekuzzjoni ta' kriminalità serja. Il-Qorti ddeċidiet li d-Direttiva kienet tirregola operazzjonijiet li kienu indipendenti mill-implimentazzjoni ta' kwalunkwe kooperazzjoni bejn il-pulizija u l-ġudikatura f'materji kriminali u li hija la kienet armonizzat il-kwistjoni tal-aċċess għad-dejta mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti tal-infurzar tal-liġi u lanqas l-użu u l-iskambju ta' dik id-dejta bejn daww il-awtoritajiet. Għalhekk hija kkonkludiet li d-Direttiva kienet essenzjalment immirata lejn l-attivitajiet tal-operaturi fis-settur rilevanti tas-suq intern. Għaldaqstant, hija sostniet il-bażi legali¹².

3.3. Preservazzjoni tad-dejta

Iż-żamma tad-dejta hija distinta mill-preservazzjoni tad-dejta (magħrufa wkoll bħala "quick freeze [iffriżar malajr]") fejn l-operaturi li tintbagħtilhom ordni tal-qorti jkunu obligati jżommu dejta relatata biss ma' individwi speċifiċi suspettati b'attività kriminali mid-data tal-ordni ta' preservazzjoni. Il-preservazzjoni tad-dejta hija waħda mill-għodod investigattivi previsti u użati mill-Istati parteċipanti taħt il-Konvenzjoni dwar iċ-Ċiberkriminalità tal-Kunsill tal-Ewropa¹³. Kważi l-Istati parteċipanti kollha stabbilew punt ta' kuntatt, li r-rwol tiegħu huwa li jiżgura ruħu li tingħata assistenza immedjata f'investigazzjonijiet jew fi proċedimenti relatati maċ-ċiberkriminalità. Madankollu, mhux il-partijiet kollha għall-Konvenzjoni jidher li pprovdew għall-preservazzjoni tad-dejta, u sa issa għad ma kienx hemm evalwazzjoni ta' kemm kien effettiv il-mudell fit-taqbida kontra iċ-ċiberkriminalità¹⁴. Dan l-aħħar, ġiet żviluppata tip ta' preservazzjoni tad-dejta, magħrufa bħala "quick freeze plus". Dan il-mudell imur lil hinn mill-preservazzjoni tad-dejta fis-sens li imhallett jista' wkoll jagħti aċċess għal dejta li ma tkunx għadha tħassret mill-operaturi. Barra minn hekk, ikun hemm eżenzjoni bil-liġi limitata ħafna mill-obbligu biex, għal perjodu qasir, titħassar ċerta dejta ta' komunikazzjoni li normalment ma tinżammx, bħal dejta dwar il-lok, dejta dwar il-konnessjoni tal-internet, indirizzi tal-IP dinamiċi għal utenti li għandhom abbonament flat-rate u kif ukoll fejn ma hemmx il-ħtieġa li tinżamm dejta għal skopijiet ta' kontijiet.

¹¹ Il-Grupp ta' Ħidma tal-Artikolu 29 jistaqsi jekk "id-Direttiva [dwar iż-żamma tad-dejta] kinitx maħsuba sabiex tidderoga mill-obbligu ġenerali [li] titħassar id-dejta dwar it-traffiku meta tintemm il-komunikazzjoni elettronika jew li tiġi ordnata iż-żamma ta' dik id-dejta kollha li l-fornituri diġà kellhom is-setgħa li jaħżnu għall-iskopijiet tan-negozju tagħhom" [traduzzjoni mhux uffiċjali].

¹² QEĠ, C-301/6 L-Irlanda vs Il-Parlament u Il-Kunsill, Ġabra [2009] p. I-00593.

¹³ L-Artikolu 16 tal-Konvenzjoni dwar iċ-Ċiberkriminalità

(<http://conventions.coe.int/Treaty/en/Treaties/Html/185.htm>).

¹⁴ Sors: Il-Kunsill tal-Ewropa.

Dawk li jappoġġaw il-preservazzjoni tad-dejta ikkunsidrawha inqas intrusiva miż-żamma tad-dejta. Madankollu, ħafna mill-Istati Membri ma jaqblux li kwalunkwe mill-varjazzjonijiet tal-preservazzjoni tad-dejta jistgħu jissostitwixxu b'mod adegwat iż-żamma tad-dejta, bl-argument li filwaqt li ż-żamma tad-dejta tirriżulta fid-disponibbiltà ta' dejta storika, il-preservazzjoni tad-dejta ma tagħtix garanzija li wieħed ikun jista' jistabbilixxi traċċi ta' evidenza preċedenti għall-ordni tal-preservazzjoni, ma tippermettix investigazzjonijiet fejn il-mira mhix magħrufa, u ma tippermettix li tinġabar evidenza dwar il-movimenti pereżempju tal-vittmi jew ta' xhieda f'delitt¹⁵.

4. IT-TRASPOŻIZZJONI TAD-DIRETTIVA DWAR IŻ-ŻAMMA TAD-DEJTA

L-Istati Membri ntalbu jittrasponu d-Direttiva qabel il-15 ta' Settembru 2007, bil-possibbiltà li jipposponu sal-15 ta' Marzu 2009 l-implimentazzjoni tal-obbligi taż-żamma relatati mal-aċċess għall-internet, mal-email bl-internet u mat-telefonija bl-internet.

L-analiżi segwenti hija bbażata fuq in-notifiki ta' traspożizzjoni li l-Kummissjoni rċeviet mingħand 25 Stat Membru, inkluż il-Belġju li għadu ttraspona d-Direttiva parzjalment biss¹⁶. Fl-Awstrija u fl-Isvezja abbozz ta' liġi għadu fl-istadju ta' diskussjoni. F'dawk iż-żewġ Stati Membri, ma hemm l-ebda obbligu li tinżamm id-dejta, imma l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi jistgħu jitolbu u fil-fatt jitolbu u jiksbu dejta dwar it-traffiku mingħand l-operaturi sakemm tali dejta tkun disponibbli. Wara n-notifika inizjali ta' traspożizzjoni mir-Repubblika Ċeka, mill-Ġermanja u mir-Rumanija, il-qrati kostituzzjonali rispettivi tagħhom annullaw il-leġislazzjoni domestika li tittrasponi d-Direttiva¹⁷, qed jikkunsidraw kif jittrasponu d-Direttiva mill-ġdid.

Din it-taqsimha tanalizza kif l-Istati Membri ttrasponew id-dispożizzjonijiet rilevanti tad-Direttiva. Hija teżamina wkoll jekk l-Istati Membri għażlax li jirrimborżaw lill-operaturi għall-ispejjeż li dawn ikunu għamlu sabiex iżommu u jippermettu l-irkupru tad-dejta, li mhuxwix ipprovdut fid-Direttiva, u tindirizza r-rilevanza għad-Direttiva tas-sentenzi tal-qrati kostituzzjonali tal-Ġermanja, tar-Rumanija u tar-Repubblika Ċeka.

¹⁵ Dan ġie rikonoxxut ukoll mill-Qorti Kostituzzjonali Ġermaniża fis-sentenza fejn annullat il-liġi Ġermaniża li trasponiet id-Direttiva (ara Taqsima 4.9) (Bundesverfassungsgericht, 1 BvR 256/08 tat-2 ta' Marzu 2010, para. 208).

¹⁶ Il-ħamsa u għoxrin Stat Membru li nnotifikaw lill-Kummissjoni bit-traspożizzjoni tad-Direttiva huma l-Belġju, il-Bulgarija, ir-Repubblika Ċeka, id-Danimarka, il-Ġermanja, il-Greċja, l-Estonja, l-Irlanda, Spanja, Franza, l-Italja, Ċipru, il-Latvja, il-Litwanja, il-Lussemburgu, l-Ungerija, Malta, il-Pajjiżi l-Baxxi, il-Polonja, il-Portugall, ir-Rumanija, is-Slovenja, is-Slovakkja, il-Finlandja u r-Renju Unit. Il-Belġju informa lill-Kummissjoni li abbozz ta' liġi li jikkompleta t-traspożizzjoni għadu quddiem il-Parlament.

¹⁷ Id-Deċiżjoni Nru 1258 mit-8 ta' Ottubru 2009 tal-Qorti Kostituzzjonali Rumena, *Romanian Official Monitor* Nru 789, tat-23 ta' Novembru 2009; is-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali Ġermaniża (Bundesverfassungsgericht) 1 BvR 256/08, tat-2 ta' Marzu 2010; *Official Gazette* tal-1 ta' April 2011, Sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali tat-22 ta' Marzu dwar id-dispożizzjonijiet tat-taqsimha 97 paragrafi 3 u 4 tal-Att Nru 127/2005 Koll. dwar il-komunikazzjonijiet elettroniċi u li temenda ċerti atti relatati, u d-Digriet Nru. 485/2005 Koll. Dwar iż-żamma u t-trasmissjoni tad-dejta lill-awtoritajiet kompetenti.

4.1. L-iskop taż-żamma tad-dejta (Artikolu 1)

Id-Direttiva tobbliga lill-Istati Membri sabiex jadottaw miżuri ħalli jkun żgurat li d-dejta tinżamm u tkun disponibbli għall-iskopijiet ta' investigazzjoni, skoperta u prosekuzzjoni ta' kriminalità serja, kif inhuma ddefiniti minn kull Stat Membru fil-liġi nazzjonali tiegħu. Madankollu, l-iskopijiet iddikjarati għaż-żamma ta' u/jew għall-aċċess għad-dejta fil-leġislazzjoni domestika jkomplu jvarjaw fl-UE. Għaxar Stati Membri (il-Bulgarija, l-Estonja, l-Irlanda, il-Greċja, Spanja, il-Litwanja, il-Lussemburgu, l-Ungerija, il-Pajjiżi l-Baxxi, il-Finlandja) iddefinew "kriminalità serja", b'referenza għal sentenza minima ta' ħabs, għall-possibbiltà li tkun imposta sentenza ta' kustodja, jew għal lista ta' reati kriminali ddefiniti band'oħra fil-leġislazzjoni nazzjonali. Tmien Stati Membri (il-Belġju, id-Danimarka, Franza, l-Italja, il-Latvja, il-Polonja, is-Slovakkja u s-Slovenja) jeżiġu li d-dejta tinżamm mhux biss għall-investigazzjoni, għall-iskoperta u għall-prosekuzzjoni b'relazzjoni għal kriminalità serja, imma anki b'relazzjoni għar-reati kriminali kollha u għall-prevenzjoni tad-delitti, jew minħabba raġunijiet ġenerali ta' sigurtà nazzjonali jew tal-Istat u/jew pubblika. Il-leġislazzjoni ta' erba' Stati Membri (Ċipru, Malta, il-Portugall, ir-Renju Unit) tirreferi għal "kriminalità serja" jew "reat serju" mingħajr ma tagħti definizzjoni. Id-dettalji huma stabbiliti fit-Tabella 1.

Tabella 1: Il-limitu għall-iskopijiet biex tinżamm id-dejta ddikjarat fil-liġijiet nazzjonali	
Il-Belġju	Għall-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' reati kriminali, il-prosekuzzjoni ta' abbuż minn numri tat-telefon ta' servizzi ta' emerġenza, l-investigazzjoni ta' abbuż bi skop ħażin ta' netwerk jew servizzi ta' komunikazzjoni elettroniċi, għall-għan ta' missjonijiet ta' ġbir ta' intelligence li jsiru mis-servizzi ta' intelligence u ta' sigurtà ¹⁸ .
Il-Bulgarija	Sabiex ikunu "skoperti u investigati delitti serji u d-delitti taħt l-Artikolu 319a-319f tal-Kodiċi Penali kif ukoll għat-tiftix ta' persuni" ¹⁹ [traduzzjoni mhux uffiċjali].
Ir-Repubblika Ċeka	Id-Direttiva ma ġietx trasposta.
Id-Danimarka	Għall-investigazzjoni u għall-prosekuzzjoni ta' atti kriminali ²⁰ .
Il-Ġermanja	Id-Direttiva ma ġietx trasposta.
L-Estonja	Tista' tintuża jekk il-ġbir tal-evidenza b'atti proċedurali oħrajn ikun prekluż jew partikolarment ikkumplikat u s-suġġett ta' proċediment kriminali ikun reat kriminali [tal-ewwel jew reat kommess b'intenzjoni tat-tieni grad b'piena ta' priġunerija ta' mill-inqas tliet snin] ²¹ [traduzzjoni mhux uffiċjali].
L-Irlanda	Sabiex jiġu pprevenuti reati serji [jiġifieri, reati li jingħataw sentenza ta' priġunerija għal terminu ta' ħames snin jew iktar, jew reat fl-iskeda għal-liġi tat-traspożizzjoni], tiġi salvagwardjata s-sigurtà tal-Istat u tiġi salvata ħajja ta' bniedem ²² .

¹⁸ L-Artikolu 126(1) tal-Liġi tat-13 ta' Ġunju 2005 dwar il-komunikazzjonijiet elettroniċi. .

¹⁹ L-Artikolu 250a (2) tal-Liġi dwar il-Komunikazzjonijiet Elettroniċi (emendata) tal-2010.

²⁰ L-Artikolu 1 tad-Digriet dwar iż-Żamma tad-Dejta.

²¹ Subtaqsima 110(1) tal-Kodiċi ta' Proċedura Kriminali.

²² L-Artikolu 6 tal-Att dwar il-Komunikazzjonijiet (Żamma tad-Dejta) tal-2011.

Tabella 1: Il-limitu għall-iskopijiet biex tinżamm id-dejta ddikjarat fil-liġijiet nazzjonali	
Il-Greċja	Għall-għan tal-iskoperta ta' delitti partikolarment serji ²³ .
Spanja	Għall-iskoperta, għall-investigazzjoni u għall-prosekuzzjoni ta' delitti serji kkunsidrati fil-Kodiċi Kriminali jew fil-liġijiet kriminali speċjali ²⁴ [traduzzjoni mhux uffiċjali].
Franza	Għall-iskoperta, għall-investigazzjoni u għall-prosekuzzjoni tar-reati kriminali, u għall-uniku skop li l-awtoritajiet ġudizzjarji jiġu pprovduti bl-informazzjoni meħtieġa, u għall-prevenzjoni ta' atti ta' terroriżmu u għall-protezzjoni tal-proprjetà intelletwali ²⁵ .
L-Italja	Għall-iskoperta u għas-sopressjoni tar-reati kriminali ²⁶ .
Ċipru	Għall-investigazzjoni ta' reat kriminali serju ²⁷ .
Il-Latvja	Sabiex ikunu protetti s-sigurtà tal-Istat u s-sigurtà pubblika jew sabiex ikunu żgurati l-investigazzjoni tar-reati kriminali, il-prosekuzzjoni kriminali u l-proċedimenti kriminali fil-qrati ²⁸ [traduzzjoni mhux uffiċjali].
Il-Litwanja	Għall-investigazzjoni, għall-iskoperta u għall-prosekuzzjoni ta' delitti serji u ferm serji, kif ġew iddefiniti mill-Kodiċi Kriminali Litwan ²⁹ .
Il-Lussemburgu	Għall-iskoperta, għall-investigazzjoni u għall-prosekuzzjoni ta' reati kriminali li jgħorru sentenza kriminali ta' massimu ta' sena jew iktar ³⁰ .
L-Ungerija	Sabiex il-korpi investigattivi, il-prosekutur pubbliku, il-qrati u l-aġenziji nazzjonali tas-sigurtà jkunu jistgħu jwettqu dmirijiethom, u sabiex il-pulizija kif ukoll l-Uffiċċju Nazzjonali tat-Taxxa u d-Dwana jkunu jistgħu jinvestigaw delitti intenzjonali li jgħorru terminu ta' ħabs ta' sentejn jew iktar ³¹ .
Malta	Għall-investigazzjoni, għall-iskoperta jew għall-prosekuzzjoni ta' kriminalità serja ³² .
Il-Pajjiżi l-Baxxi	Għall-investigazzjoni u għall-prosekuzzjoni ta' reati serji li fir-rigward tagħhom tista' tiġi imposta piena ta' kustodja ³³ .
L-Awstrija	Id-Direttiva ma għetx trasposta.

²³ Tali delitti huma definiti fl-Artikolu 4 tal-Liġi 2225/1994; L-Artikolu 1 tal-Liġi 3917/2011.

²⁴ L-Artikolu 1(1) tal-Liġi 25/2007.

²⁵ L-atti li jirregolaw l-użu tad-dejta miżmuma, rispettivament, għar-reati kriminali, għall-prevenzjoni ta' atti ta' terroriżmu u għall-protezzjoni tal-proprjetà intelletwali huma kif ġej: huma l-Artikolu L.34-1(II), CPCE, Liġi Nru. 2006-64 tat-23 ta' Jannar 2006 u Liġi Nru. 2009-669 tat-12 ta' Ġunju 2009.

²⁶ L-Artikolu 132(1) tal-Kodiċi dwar il-Protezzjoni tad-Dejta

²⁷ L-Artikolu 4(1) tal-Liġi 183(I)/2007

²⁸ L-Artikolu 71(1) tal-Liġi dwar il-Komunikazzjonijiet Elettroniċi.

²⁹ L-Artikolu 65 tal-Liġi X-1835

³⁰ L-Artikolu 1(1) tal-Liġi tal-24 ta' Lulju 2010.

³¹ Għall-għan ġenerali taż-żamma tad-dejta l-Artikolu 159/1 tal-Att C/2003, kif emendat mill-Att CLXXIV/2007; għal aċċess mill-pulizija, l-Artikolu 68 tal-Att XXXIV/1994; għall-aċċess mill-Uffiċċju Nazzjonali tat-Taxxa u d-Dwana, Artikolu 59, Act CXXII/2010.

³² L-Artikolu 20(1) tal-Avviż Legali 198/2008.

³³ L-Artikolu 126 tal-Kodiċi ta' Proċedura Kriminali.

Tabella 1: Il-limitu għall-iskopijiet biex tinżamm id-dejta ddikjarat fil-liġijiet nazzjonali	
Il-Polonja	Għall-prevenzjoni jew għall-iskoperta tad-delitti, għall-prevenzjoni u għall-iskoperta ta' reati fiskali, għall-użu mill-prosekuturi u mill-qrati, jekk dan ikun rilevanti għall-proċeduri pendenti ta' quddiem il-qrati, kif ukoll sabiex l-Aġenzija tas-Sigurtà Interna, l-Aġenzija tal-Intelligence Barranija, l-Uffiċċju Ċentrali Kontra l-Korruzzjoni, is-Servizzi Militari tal-Kontrospjunaġġ u s-Servizzi Militari tal-Intelligence jkunu jistgħu jwettqu l-kompiti tagħhom ³⁴ .
Il-Portugall	Għall-investigazzjoni, għall-iskoperta u għall-prosekuzzjoni ta' kriminalità serja ³⁵ .
Ir-Rumanija	Id-Direttiva ma ġietx trasposta.
Is-Slovenja	Sabiex "ikunu żgurati s-sigurtà nazzjonali, ir-regolamentazzjoni kostituzzjonali u l-interessi tas-sigurtà, kif ukoll dawk politiċi u ekonomiċi tal-Istat [...] u għad-difiża nazzjonali ³⁶ [traduzzjoni mhux uffiċjali].
Is-Slovakkja	Għall-prevenzjoni, għall-investigazzjoni, għall-iskoperta u għall-prosekuzzjoni ta' reati kriminali ³⁷ .
Il-Finlandja	Għall-investigazzjoni, għall-iskoperta u għall-prosekuzzjoni ta' delitti serji kif inhu stabbilit fl-Artikolu 3(1) tal-Kapitolu 5a tal-Att dwar il-Miżuri ta' Impożizzjoni ³⁸ .
L-Isvezja	Id-Direttiva ma ġietx trasposta.
Ir-Renju Unit	Għall-investigazzjoni, għall-iskoperta u għall-prosekuzzjoni ta' kriminalità serja ³⁹ .

Il-parti l-kbira tal-Istati Membri li wettqu t-traspożizzjoni, skont il-leġiżlazzjoni tagħhom, jippermettu l-aċċess għal u l-użu tad-dejta miżmuma għal skopijiet li jmorru lil hinn minn dawk koperti mid-Direttiva, inklużi l-prevenzjoni ta' u l-ġlieda kontra l-kriminalità b'mod ġenerali u r-riskju għall-ħajja u ta' feriment. Filwaqt li dan huwa permess taħt id-Direttiva dwar il-Privatezza Elettronika, il-grad ta' armonizzazzjoni milħuq mil-leġiżlazzjoni tal-UE f'dan il-qasam għadu wieħed limitat. Id-differenza fl-għanijiet wara ż-żamma tad-dejta x'aktarx li jkollha impatt dirett fuq il-volum u l-frekwenza tat-talbiet u bħala riżultat fuq l-ispejjeż biex ikunu osservanti l-obbligi stipulati fid-Direttiva. Barra minn hekk, is-sitwazzjoni tista' ma tippovdix biżżejjed għall-kapaċità ta' previzzjoni li hija hteġa fi kwalunkwe miżura leġiżlattiva li tirrestrinġi d-dritt għall-privatezza⁴⁰. Il-Kummissjoni se tevalwa l-hteġa għal, u l-alternattivi biex jintlaħaq grad oġhla ta' armonizzazzjoni f'dan il-qasam⁴¹.

³⁴ L-Artikolu 180a tal-Liġi dwar it-Telekomunikazzjonijiet tas-16 ta' Lulju 2004 kif ġiet emendata bl-Artikolu 1 tal-Att tal-24 ta' April 2009.

³⁵ L-Artikolu 3(1) tal-Liġi 32/2008.

³⁶ L-Artikolu 170a(1) tal-Att dwar il-Komunikazzjonijiet Elettroniċi.

³⁷ L-Artikolu 59a (6) tal-Att dwar il-Komunikazzjonijiet Elettroniċi.

³⁸ L-Artikolu 14a (1) tal-Att dwar il-Komunikazzjonijiet Elettroniċi.

³⁹ Ir-Regolamenti (Direttiva tal-KE) dwar iż-Żamma tad-Dejta tal-2009 (2009 Nru 859).

⁴⁰ Is-sentenza tal-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja tal-20 ta' Mejju 2003 fil-Kawżi Konġunti C-465/00, C-138/01 u C-139/01 (Referenza għal deċiżjoni preliminari tal-Verfassungsgerichtshof u Oberster Gerichtshof): Rechnungshof (C-465/00) v Österreichischer Rundfunk et al u bejn Christa Neukomm (C-

4.2. L-operaturi mitluba jkunu konformi maż-żamma tad-dejta [Artikolu 1]

Id-Direttiva tapplika għall-“fornituri ta’ servizzi ta’ komunikazzjoni elettronika disponibbli għall-pubbliku jew ta’ networks ta’ komunikazzjonijiet pubbliċi” (l-Artikolu 1(1)). Żewġ Stati Membri (il-Finlandja, ir-Renju Unit) ma jeżiġux li l-operaturi ż-żgħar iżommu d-dejta għaliex, jargumentaw, l-ispejjeż kemm għall-fornitur kif ukoll għall-Istat biex isir dan ikunu ikbar mill-benefiċċji għas-sistemi tal-ġustizzja kriminali u għall-infurzar tal-liġi. Erba’ Stati Membri (il-Latvja, il-Lussemburgu, il-Pajjiżi l-Baxxi, il-Polonja) jirrapportaw li stabbilew arranġamenti amministrattivi alternattivi. Filwaqt li l-operaturi l-kbar preżenti f’diversi Stati Membri jibbenefikaw mill-ekonomiji ta’ skala f’termini ta’ spejjeż, l-operaturi iżgħar fid-daqs f’uħud mill-Istati Membri għandhom it-tendenza li jstabbilixxu impriżi bi sħab jew li jagħtu x-xogħol barra lil kumpaniji li jispeċjalizzaw f’funzjonijiet ta’ żamma u ta’ rkupru sabiex inaqqsu l-ispejjeż. Tali għoti ta’ xogħol barra tal-funzjonijiet tekniċi b’dan il-mod ma għandux effett fuq l-obbligu ta’ dawk li jipprovdu s-servizz li jissorveljaw l-ipproċessar tal-operazzjonijiet kif suppost u li jiżguraw li jkunu fis-seħħ il-miżuri ta’ sigurtà meħtieġa, ħaġa li tista’ tkun problematika għall-operaturi żgħar. Il-Kummissjoni se teżamina il-kwistjonijiet ta’ sigurtà ta’ dejta, u l-impatt fuq impriżi żgħar u ta’ daqs medju, rigward l-alternattivi biex jiġi emendat il-qafas dwar iż-żamma tad-dejta.

4.3. L-aċċess għad-dejta: l-awtoritajiet, il-proċeduri u l-kundizzjonijiet (Artikolu 4)

L-Istati Membri huma mitluba “jiżguraw li d-dejta miżmuma [...] tiġi provduta biss lill-awtoritajiet kompetenti nazzjonali, f’każijiet speċifiċi u skond il-liġi nazzjonali”. Jitħalla f’idejn l-Istati Membri li jiddefinixxu fil-liġi nazzjonali tagħhom “[i]l-proċeduri li għandhom jiġu segwiti u l-kundizzjonijiet li għandhom jiġu sodisfatti sabiex jiġi ottenut l-aċċess għal dejta miżmuma skond ir-rekwiżiti ta’ neċessità u ta’ proporzjonalità [...] suġġetti għad-dispożizzjonijiet rilevanti tal-liġi tal-Unjoni Ewropea jew tal-liġi pubblika internazzjonali, b’mod partikulari il-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, kif interpretata mill-Qorti Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem”.

Fl-Istati Membri kollha, il-qawwiet nazzjonali tal-pulizija u, ħliet fil-ġurisdizzjonijiet tal-common law (l-Irlanda u r-Renju Unit), il-prosekuturi, jista’ jkollhom aċċess għad-dejta miżmuma. Erbatax-il Stat Membru jelenkaw lis-servizzi tas-sigurtà jew tal-intelligence jew lill-militar fost l-awtoritajiet kompetenti. Sitt Stati Membri jelenkaw lill-awtoritajiet fiskali u/jew doganali, u tlieta jelenkaw lill-awtoritajiet tal-fruntieri. Stat Membru wieħed jippermetti li awtoritajiet pubbliċi oħrajn ikollhom aċċess għad-dejta jekk dawn ikunu awtorizzati għal skopijiet speċifiċi taħt leġiżlazzjoni sekondarja. Ħdax-il Stat Membru jeżiġu awtorizzazzjoni ġudizzjarja għal kull talba għal aċċess għal dejta miżmuma. Fi tliet Stati Membri tinħtieġ awtorizzazzjoni ġudizzjarja fil-maġġoranza tal-każi. Erba’ Stati Membri oħra jeżiġu awtorizzazzjoni mingħand awtorità ta’ grad għoli imma mhux imħallef. F’żewġ Stati Membri, l-unika kundizzjoni jidher li hija li t-talba ssir bil-miktub.

Tabella 2: Aċċess għal dejta miżmuma dwar it-telekomunikazzjonijiet

138/01), Joseph Lauer mann (C-139/01) u Österreichischer Rundfunk (Protezzjoni tal-individwi rigward l-ipproċessar ta’ dejta personali — Direttiva 95/46/KE — Protezzjoni tal-ħajja privata — Żvelar ta’ dejta dwar id-dħul ta’ impjegati ta’ korpi suġġetti għal kontroll mir-Rechnungshof).

⁴¹ Dwar l-adozzjoni tad-Direttiva, il-Kummissjoni ħarġet Dikjarazzjoni fejn issuġġeriet li għandha tiġi kkunsidrata l-lista ta’ delitti fil-Mandat ta’ Arrest Ewropew. (Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2002/584/ĠAI tat-13 ta’ Ġunju 2002 dwar il-mandat ta’ arrest Ewropew and the surrender procedures between Member States. U l-proċeduri ta’ konsenja bejn l-Istati Membri.)

<i>L-awtoritajiet nazzjonali kompetenti</i>		<i>Proċeduri u kundizzjonijiet</i>
Il-Belġju	L-unità ta' koordinazzjoni ġudizzjarja, il-maġistrati inkwirenti, il-prosekutur pubbliku, il-pulizija kriminali.	L-aċċess irid jiġi awtorizzat minn maġistrat jew minn prosekutur. Meta jintalbu jagħmlu dan, l-operaturi jridu jipprovdu f'“ħin reali”, dejta dwar l-abbonati kif ukoll dejta dwar it-traffiku u dwar il-lok għat-telefonati li jkunu saru fl-aħħar xahar. Id-dejta għal telefonati iktar antiki trid tkun ipprovduta mill-iktar fis possibbli.
Il-Bulgarija ⁴²	Direttorati u dipartimenti speċifiċi tal-Aġenzija tal-Istat għas-Sigurtà Nazzjonali, il-Ministeru tal-Intern, is-Servizz Militari ta' Informazzjoni, is-Servizz tal-Pulizija Militari, il-Ministeru tad-Difiża, l-Aġenzija Investigattiva Nazzjonali; il-qorti u l-awtoritajiet ta' qabel il-ġuri taħt il-kundizzjonijiet.	L-aċċess huwa possibbli biss fuq ordni tal-President ta' Qorti Reġjonali.
Ir-Repubblika Ċeka	Id-Direttiva ma ġietx trasposta.	
Id-Danimarka ⁴³	Il-pulizija.	L-aċċess jeżiġi awtorizzazzjoni ġudizzjarja; jingħataw ordnijiet tal-qorti jekk l-applikazzjoni tissodisfa kriterji stretti dwar suspetti, neċessità u proporzjonalità.
Il-Ġermanja	Id-Direttiva ma ġietx trasposta	
L-Estonja ⁴⁴	Il-Bord tal-Pulizija u l-Gwardja tal-Fruntieri, il-Bord tal-Pulizija tas-Sigurtà u, għal oġġetti u komunikazzjoni elettronika, il-Bord tat-Taxxa u d-Dwana.	L-aċċess jeżiġi l-permess ta' mħallef għal investigazzjoni preliminari L-operaturi jridu “jipprovdu [d-dejta miżmuma] f'każijiet urġenti f'mhux iktar minn għaxart ijiem tax-xogħol [minn mindu jirċievu t-talba]” [traduzzjoni mhux uffiċjali].
L-Irlanda ⁴⁵	Il-membri tal-Garda Síochána (il-pulizija) bi grad ta' Supretendent Ewlieni jew b'rank ogħla L-uffiċjali tal-Permanent Defence Force [Forza tad-Difiża Permanenti] b'rank ta' kulunell jew b'rank ogħla L-uffiċjali tar-Revenue Commissioners [Kummissarji tat-Taxxi] bi grad ta' uffiċjal prinċipali jew bi grad ogħla.	It-talbiet għandhom ikunu bil-miktub.
Il-Greċja ⁴⁶	Awtorità pubblika ġudizzjarja, militari jew tal-pulizija.	L-aċċess jeħtieġ deċiżjoni ġudizzjarja li tiddikjara li investigazzjoni b'mezzi oħra hija impossibbli jew diffiċli haġna.
Spanja ⁴⁷	Forzi tal-pulizija responsabbli għall-iskoperta, l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' delitti serji, iċ-Ċentru tal-Intelligence Nazzjonali u l-Aġenzija Doganali.	Aċċess għal din id-dejta minn awtoritajiet nazzjonali kompetenti jeħtieġ awtorizzazzjoni ġudizzjarja minn qabel.
Franza ⁴⁸	L-uffiċjali tal-pulizija u l-ġendarmi	Il-pulizija jridu jagħtu ġustifikazzjoni għal kull

⁴² L-Artikolu 250b (1) tal-Liġi dwar il-Komunikazzjonijiet Elettroniċi (emendata) tal-2010 (awtoritajiet); l-Artikolu 250b (1), 250c (1) tal-Liġi dwar il-Komunikazzjonijiet Elettroniċi (emendata) tal-2010 (aċċess).

⁴³ Il-Kapitolu 71, tal-Att dwar l-Amministrazzjoni tal-Ġustizzja.

⁴⁴ Is-subtaqsima 112(2) u (3) tal-Kodiċi ta' Proċedura Kriminali (dwar l-awtoritajiet u l-proċedura); Is-subtaqsima 111(9) (kundizzjonijiet) tal-Att dwar il-Komunikazzjonijiet Elettroniċi.

⁴⁵ L-Artikolu 6 tal-Abbozz ta' Liġi dwar il-Komunikazzjonijiet (Żamma tad-Dejta) tal-2009.

⁴⁶ L-Artikoli 3 u 4 tal-Liġi 2225/94

⁴⁷ L-Artikolu 6-7 tal-Liġi 25/2007.

Tabella 2: Aċċess għal dejta miżmuma dwar it-telekommunikazzjonijiet		
	<i>L-awtoritajiet nazzjonali kompetenti</i>	<i>Proċeduri u kundizzjonijiet</i>
	maħtura.	talba għal aċċess għad-dejta miżmuma u jridu jfittxu awtorizzazzjoni mingħand il-persuna fil-Ministeru tal-Intern maħtura mill-Commission nationale de contrôle des interceptions de sécurité [il-Kummissjoni Nazzjonali għall-Kontroll tal-Interċettazzjonijiet tas-Sigurtà]. It-talbiet għal aċċess jiġu pproċessati minn uffiċjal magħżul li jaħdem għall-operatur.
L-Italja ⁴⁹	Il-prosekutur pubbliku; il-pulizija l-avukat tad-difiża jew għall-akkużat jew għall-persuna li qed tiġi investigata.	L-aċċess jeżiġi “ordni motivata” [traduzzjoni mhux uffiċjali] maħruġa mill-prosekutur pubbliku.
Ċipru ⁵⁰	Il-qrati, il-prosekutur pubbliku, il-pulizija.	L-aċċess irid ikun approvat minn prosekutur jekk huwa jikkunsidra li dan jista’ jipprovdni evidenza li twettaq delitt serju. Imhallel jista’ joħroġ ordni ta’ din ix-xorta jekk ikun hemm suspett raġonevoli ta’ reat kriminali serju u jekk ikun probabbli li d-dejta tkun assoċjata miegħu.
Il-Latvja ⁵¹	L-uffiċjali awtorizzati f’istituzzjonijiet investigattivi ta’ qabel il-proċess; il-persuni li jwettqu xogħol investigattiv; l-uffiċjali awtorizzati fl-istituzzjonijiet tas-sigurtà tal-Istat; l-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku; il-qrati.	L-uffiċjali awtorizzati, l-uffiċċju tal-prosekutur pubbliku u l-qrati huma mitluba jivvalutaw “l-adeqwatezza u r-rilevanza” [traduzzjoni mhux uffiċjali] tat-talba, li jirreġistraw it-talba u li jiżguraw il-protezzjoni tad-dejta miksuba. Il-korpi awtorizzati jistgħu jiffirmaw ftehim ma’ operatur, eż. biex id-dejta pprovduta tiġi kkriptata.
Il-Litwanja ⁵²	Il-korpi investigattivi ta’ qabel il-proċess, il-prosekutur, il-qorti (l-imħallfin) u uffiċjali tal-intelligence.	L-awtoritajiet pubbliċi awtorizzati jridu jagħmlu talba għal dejta miżmuma bil-miktub. Għall-aċċess għal investigazzjonijiet ta’ qabel il-proċess, huwa meħtieġ mandat ġudizzjarju.
Il-Lussemburgu ⁵³	L-awtoritajiet ġudizzjarji (il-maġistrati inkwirenti, il-prosekutur), l-awtoritajiet responsabbli mis-salvagwardja tas-sigurtà tal-Istat, mid-difiża, mis-sigurtà pubblika u mill-prevenzjoni, mill-investigazzjoni, mill-iskoperta u mill-prosekuzzjoni tar-reati kriminali.	L-aċċess jeżiġi awtorizzazzjoni ġudizzjarja.
L-Ungerija ⁵⁴	Il-pulizija, il-Gwardja Doganali u tal-Finanzi, l-aġenziji nazzjonali tas-sigurtà, il-prosekutur pubbliku, il-qrati.	Il-pulizija u l-Gwardja Doganali u tal-Finanzi jeħtieġu l-awtorizzazzjoni tal-prosekutur. Il-prosekutur u l-aġenziji nazzjonali tas-sigurtà jista’ jkollhom aċċess għal dejta ta’ din ix-xorta mingħajr ordni tal-qorti.
Malta ⁵⁵	Il-Forzi tal-Pulizija ta’ Malta; Is-Servizz tas-	It-talbiet iridu jkunu bil-miktub.

⁴⁸ L-Artikoli 60-1 u 60-2 tal-*Code de procédure pénale* [il-Kodiċi ta’ Proċedura Kriminali] (l-awtoritajiet); l-Artikolu L.31-1-1 (il-kundizzjonijiet).

⁴⁹ L-Artikolu 132(3) tal-Kodiċi dwar il-Protezzjoni tad-Dejta.

⁵⁰ L-Artikolu 4(2) u l-Artikolu 4(4) tal-Liġi 183(I)/2007.

⁵¹ L-Artikolu 71(1) tal-Liġi dwar il-Kommunikazzjonijiet Elettroniċi (l-awtoritajiet); ir-Regolament tal-Kabinett Nru 820 (il-proċeduri).

⁵² L-Artikolu 77(1) u (2) tal-Liġi X-1835; rapport orali lill-Kummissjoni.

⁵³ L-Artikolu 5-2(1) u 9(2), Liġi tal- 24 ta’ Lulju 2010 (l-awtoritajiet); l-Artikolu 67-1 tal-*Code d’instruction criminelle* [tal-Kodiċi ta’ Proċedura Kriminali] (il-kundizzjonijiet).

⁵⁴ L-Artikoli 68(1) u 69(1)(c)(d) tal-Att XXXIV 1994; l-Artikolu 9/A(1) tal-Att V 1972; l-Artikoli 71(1), (3), (4), 178/A(4), 200, 201, 268(2) tal-Att XIX 1998; l-Artikoli 40(1), 40(2), 53(1), 54(1)(j) tal-Att CXXV 1995.

Tabella 2: Aċċess għal dejta miżmuma dwar it-telekomunikazzjonijiet		
<i>L-awtoritajiet nazzjonali kompetenti</i>		<i>Proċeduri u kundizzjonijiet</i>
	Sigurtà	
Il-Pajjiżi Baxxi ⁵⁶	L-uffiċjal tal-pulizija li qed jagħmel l-investigazzjoni	L-aċċess irid ikun b'ordni ta' prosekutur jew ta' mħallef inkwirenti
L-Awstrija	Id-Direttiva ma ġietx trasposta	
Il-Polonja ⁵⁷	Il-pulizija, l-għassiesa tal-fruntieri, l-ispetturi fiskali, l-Aġenzija tas-Sigurtà Interna, l-Aġenzija tal-Intelligence Barranija, l-Uffiċċju Ċentrali ta' Kontra l-Korruzzjoni, is-servizzi militari tal-kontrospjunaġġ, is-servizzi militari tal-intelligence, il-qrati u l-prosekutur pubbliku	It-talbiet iridu jkunu bil-miktub u fil-każ tal-pulizija, tal-għassiesa tal-fruntieri kif ukoll tal-ispetturi fiskali jridu jkunu awtorizzati mill-uffiċjal anzjan fl-organizzazzjoni.
Il-Portugall ⁵⁸	Il-Pulizija Kriminali, il-Gwardja Nazzjonali Repubblikana, l-Uffiċċju tas-Sigurtà Pubblika, il-Pulizija Militari Kriminali, is-Servizz tal-Immigrazzjoni u tal-Fruntieri, il-Pulizija Marittima.	It-trasmissjoni ta' dejta teħtieġ awtorizzazzjoni ġudizzjarja fuq il-bażi li l-aċċess huwa kruċjali biex tinstab il-verità jew li fi kwalunkwe manjiera oħra, ikun impossibbli jew diffiċli ħafna li tinkiseb l-evidenza. L-awtorizzazzjoni ġudizzjarja hija suġġetta għan-neċessità u l-proporzjonalità tal-ħtiġijiet.
Ir-Rumanija	Id-Direttiva ma ġietx trasposta	
Is-Slovenja ⁵⁹	Il-pulizija, l-aġenziji tal-intelligence u tas-sigurtà, l-aġenziji tad-difiża responsabbli mill-intelligence u mill-kontrospjunaġġ u mill-missjonijiet tas-sigurtà.	L-aċċess jeżiġi awtorizzazzjoni ġudizzjarja.
Is-Slovakkja ⁶⁰	L-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi, il-qrati.	It-talbiet iridu jkunu bil-miktub.
Il-Finlandja ⁶¹	Il-pulizija, l-għassiesa tal-fruntieri, l-awtoritajiet doganali (għal dejta miżmuma dwar l-abbonati, dwar it-traffiku u dwar il-lok). Iċ-Ċentru ta' Reazzjoni f'Każ ta' Emerġenza, l-Operazzjoni għal Salvataġġ fuq il-Baħar, is-Subċentru għal Salvataġġ fuq il-Baħar (għal dejta dwar identifikazzjoni u dwar il-lok f'każ ta' emerġenza)	L-awtoritajiet kompetenti kollha jista' jkollhom aċċess għad-dejta dwar l-abbonati mingħajr awtorizzazzjoni ġudizzjarja. Id-dejta l-oħra teżiġi ordni tal-qorti.
L-Isvezja	Id-Direttiva ma ġietx trasposta	
Ir-Renju Unit ⁶²	Il-pulizija, is-servizzi tal-intelligence, l-awtoritajiet fiskali u doganali, awtoritajiet pubbliċi oħrajn indikati fil-leġiżlazzjoni sekondarja.	L-aċċess huwa permess, bla ħsara għal awtorizzazzjoni mingħand "persuna maħtura" [traduzzjoni mhux uffiċjali] u għat-test tan-neċessità u tal-proporzjonalità, f'każijiet u f'ċirkustanzi speċifiċi fejn l-iżvelar tad-dejta jkun permess jew mitlub bil-liġi. Intlaħaġ ftehim mal-operaturi dwar proċeduri speċifiċi.

⁵⁵ L-Artikolu 20(1), 20(3) tal-Avviż Legali 198/2008.

⁵⁶ L-Artikolu 126ni tal-Kodiċi ta' Proċedura Kriminali.

⁵⁷ L-Artikolu 179(3) tal-Liġi dwar it-Telekomunikazzjonijiet tas-16 ta' Lulju 2004 kif emendata bl-Artikolu 1 tal-Att tal-24 ta' April 2009.

⁵⁸ L-Artikoli 2 (1), 3(2) u 9 tal-Liġi 32/2008.

⁵⁹ L-Artikolu 107c tal-Att dwar il-Komunikazzjonijiet Elettroniċi; L-Artikolu 149b tal-Kodiċi ta' Proċedura Kriminali; l-Artikolu 24(b) tal-Att dwar l-Aġenzija tal-Intelligence u tas-Sigurtà; l-Artikolu 32 tal-Att dwar id-Difiża.

⁶⁰ L-Artikolu 59a (8) tal-Att dwar il-Komunikazzjonijiet Elettroniċi.

⁶¹ L-Artikolu 35(1), 36 tal-Att dwar il-Komunikazzjonijiet Elettroniċi; l-Artikolu 31-33 tal-Att dwar il-Pulizija; l-Artikolu 41 tal-Att dwar l-Għassiesa tal-Fruntieri.

⁶² L-Artikolu 25 tal-Iskeda 1 tal-Att dwar ir-Regolamentazzjoni tas-Setgħat Investigattivi (RIPA - Regulation of Investigatory Powers Act) tal-2000; l-Artikolu 7 tar-Regolament dwar iż-Żamma tad-

Il-Kummissjoni se tevalwa l-ħtieġa għal u l-possibbiltajiet sabiex jintlaħaq grad ogħla ta' armonizzazzjoni rigward il-fatt li l-awtoritajiet ikollhom, u għall-proċedura sabiex jinkiseb, aċċess għad-dejta miżmuma. L-alternattivi jistgħu jinkludu listi ta' awtoritajiet kompetenti ddefiniti b'mod iktar ċar, sorveljanza indipendenti u/jew ġudizzjarja tat-talbiet għad-dejta u standard minimu għall-proċeduri sabiex l-operaturi jagħtu aċċess lill-awtoritajiet kompetenti.

4.4. Il-kamp ta' applikazzjoni taż-żamma tad-dejta u l-kategoriji tad-dejta koperti (l-Artikoli 1(2), 3(2) u 5)

Id-Direttiva tapplika għall-oqsma ta' netwerks ta' telefonija fissa, tat-telefonija ċellulari, tal-aċċess għall-internet, tal-email bl-internet u tat-telefonija bl-internet. Hija tispeċifika (fl-Artikolu 5), il-kategoriji tad-dejta li għandhom jinżammu, prinċipalment id-dejta meħtieġa sabiex ikunu identifikati:

- (a) is-sors ta' komunikazzjoni;
- (b) id-destinazzjoni ta' komunikazzjoni;
- (c) id-data, il-ħin u t-tul ta' komunikazzjoni;
- (d) it-tip ta' komunikazzjoni;
- (e) it-tagħmir ta' komunikazzjoni tal-utenti jew dak li jkun maħsub li huwa t-tagħmir tagħhom; kif ukoll;
- (f) il-lok fejn ikun jinsab it-tagħmir ta' komunikazzjoni mobbli.

Hija tkopri wkoll (l-Artikolu 3(2)) it-tenattivi ta' telefonati mingħajr suċċess, jiġifieri komunikazzjoni fejn telefonata tkun konnessa b'suċċess iżda ma tiġix imwieġba jew fejn ikun seħħ intervent mill-amministrazzjoni tan-netwerk u fejn id-dejta dwar dawk it-tentattivi tkun iġġenerata jew ipproċessata, u mażżuna jew irreġistrata mill-operaturi. Taħt id-Direttiva ma tista' tinżamm l-ebda dejta li tiżvela l-kontenut tal-komunikazzjoni. Wara ġie ċċarat li talbiet għal tiftix, jiġifieri server logs iġġenerati billi wieħed joffri s-servizz ta' sit tat-tiftix, huma wkoll barra mill-ambitu tad-Direttiva, għaliex huma kkunsidrati bħala kontenut iktar milli dejta dwar it-traffiku⁶³.

Wieħed u għoxrin Stat Membru jipprovdu għaż-żamma ta' kull waħda minn dawn il-kategoriji ta' dejta fil-liġi ta' traspożizzjoni tagħhom. Il-Belġju għadu ma pprovdix għat-tipi ta' dejta ta' telefonija li jeħtieġ jinżammu, u lanqas ma għandu pprovdimenti għal dejta relatata mal-internet. Dawk li wiegħbu għall-kwestjonarju tal-Kummissjoni ma kkunsidrawx li kien hemm għalfejn jiġu emendati l-kategoriji tad-dejta li għandhom jinżammu, għalkemm il-Parlament Ewropew ħareġ lill-Kummissjoni Dikjarazzjoni bil-Miktub fejn għamel talba ħalli d-Direttiva tkun estiża għal siti tat-tiftix "sabiex il-pornografija onlajn tat-tfal u r-reati sesswali jkunu

Dejta. L-Artikolu 22(2) tar-RIPA jistabbilixxi l-iskopijiet li għalihom dawn l-awtoritajiet jistgħu jiksibu d-dejta.

⁶³ L-Opinjoni tal-Grupp ta' Ħidma tal-Artikolu 29 dwar kwistjonijiet ta' protezzjoni tad-dejta relatati ma' siti tat-tiftix, tal-4 ta' April 2008.

indirizzati b'mod rapidu⁶⁴ [traduzzjoni mhux uffieċjali]. Fir-rapport tiegħu dwar it-tieni azzjoni ta' infurzar, il-Grupp ta' Fidma tal-Artikolu 29 dwar il-Protezzjoni tad-Dejta, argumenta li l-kategoriji stipulati fid-Direttiva għandhom jiġu kkunsidrati bħala kompleti, b'ebda obbligi ta' żamma tad-dejta addizzjonali imposti fuq l-operaturi. Il-Kummissjoni se tevalwa l-ħtieġa ta' dawn il-kategoriji ta' dejta kollha.

4.5. Il-perjodi ta' żamma (l-Artikolu 6 u l-Artikolu 12)

L-Istati Membri huma mitluba jiżguraw irwieħhom li l-kategoriji ta' dejta speċifikati fl-Artikolu 5 jinżammu għal perjodi ta' mhux inqas minn sitt xhur u għal mhux iżjed minn sentejn. Il-perjodu massimu taż-żamma jista' jkun estiż minn Stat Membru li jkun "suġġett għal ċirkostanzi partikolari li jesigū estensjoni għal perjodu limitat"; estensjoni ta' din ix-xorta għandha tkun innotifikata lill-Kummissjoni li tista' tiddeċiedi fi żmien sitt xhur wara dik in-notifika jekk tapprovax jew tirrifjutax l-estensjoni. Filwaqt li l-perjodu massimu ta' żamma jista' jiġi estiż, ma hemm ebda provvediment biex il-perjodu ta' żamma jiqsar għal taħt is-sitt xhur. L-Istati Membri kollha ħliet wieħed li ttrasponew id-Direttiva japplikaw perjodu jew perjodi ta' żamma li jaqa' f'dawn il-limiti, u ma kien hemm l-ebda notifika lill-Kummissjoni dwar xi estensjoni. Madankollu, ma hemm l-ebda approċċ konsistenti mal-UE kollha.

Ħmistax-il Stat Membru jispeċifikaw perjodu wieħed għall-kategoriji kollha ta' dejta: Stat Membru wieħed (il-Polonja) jispeċifika perjodu ta' żamma ta' sentejn, ieħor jispeċifika sena u nofs (il-Latvja), għaxra jispeċifikaw sena (il-Bulgarija, id-Danimarka, l-Estonja, il-Greċja, Spanja, Franza, il-Pajjiżi l-Baxxi, il-Portugall, il-Finlandja, ir-Renju unit) u tlieta jispeċifikaw sitt xhur (Ċipru, il-Lussemburgu, il-Litwanja). Ħames Stati Membri ddefinew perjodi ta' żamma differenti għal kategoriji ta' dejta differenti: żewġ Stati Membri (l-Irlanda, l-Italja) jispeċifikaw sentejn għad-dejta dwar it-telefonija fissa u dik ċellulari u sena għad-dejta dwar l-aċċess għall-internet, l-email bl-internet u t-telefonija bl-internet; Stat Membru wieħed (is-Slovenja) jispeċifika 14-il xahar għad-dejta dwar it-telefonija u tmien xhur għad-dejta relatata mal-internet; Stat Membru wieħed (is-Slovakkja) jispeċifika sena għad-dejta dwar it-telefonija fissa u ċellulari, u sitt xhur għad-dejta relatata mal-internet; Stat Membru wieħed (Malta) jispeċifika sena għad-dejta dwar it-telefonija fissa, ċellulari u bl-internet, u sitt xhur għad-dejta dwar l-aċċess għall-internet u l-email bl-internet. Stat Membru wieħed (l-Ungerija) iżomm id-dejta kollha għal sena ħliet għad-dejta dwar tentattivi ta' telefonati mingħajr suċċess li tinżamm għal sitt xhur biss. Stat Membru wieħed (il-Belġju) ma speċifika ebda perjodu ta' żamma tad-dejta għall-kategoriji ta' dejta speċifikati fid-Direttiva. Id-dettalji qegħdin fit-Tabella 3.

Tabella 3: Il-perjodi ta' żamma speċifikati fil-liġi nazzjonali	
Il-Belġju ⁶⁵	Bejn sena u 36 xahar għal servizzi tat-telefonija "disponibbli pubblikament". Ebda provvediment għal dejta relatata mal-internet.
Il-Bulgarija	Sena. Dejta li kien hemm aċċess għaliha tista' tinżamm għal sitt xhur oħra jekk jintalab dan.
Ir-Repubblika Ċeka	Id-Direttiva ma ġietx trasposta.
Id-Danimarka	Sena
Il-Ġermanja	Id-Direttiva ma ġietx trasposta

⁶⁴ Dikjarazzjoni bil-Miktub skont ir-Regola 123 tar-Regoli tal-Proċedura dwar il-ħolqien ta' sistema Ewropea ta' twissija bikrija (EWS) kontra l-pedofili u dawk li jagħtu fastidju sesswali, 19.4.2010, 0029/2010.

⁶⁵ L-Artikolu 126(2) tal-Liġi tat-13 ta' Ġunju 2005 dwar il-komunikazzjonijiet elettroniċi.

Tabella 3: Il-perjodi ta' żamma speċifikati fil-liġi nazzjonali	
L-Estonja	Sena
L-Irlanda	Sentejn had-dejta dwar it-telefonija fissa u dik ċellulari, sena għad-dejta dwar l-aċċess għall-internet, l-email bl-internet u t-telefonija bl-internet
Il-Greċja	Sena
Spanja	Sena
Franza	Sena
L-Italja	Sentejn għad-dejta dwar it-telefonija fissa u dik ċellulari, sena had-dejta dwar l-aċċess għall-internet, l-email bl-internet u t-telefonija bl-internet
Ċipru	Sitt xhur
Il-Latvja	18-il xahar
Il-Litwanja	Sitt xhur
Il-Lussemburgu	Sitt xhur
L-Ungerija	Sitt xhur għal telefonati mingħajr suċċess u sena għad-dejta l-oħra kollha
Malta	Sena għad-dejta dwar it-telefonija fissa, ċellulari u bl-internet, sitt xhur għad-dejta dwar l-aċċess għall-internet u l-email bl-internet
Il-Pajjiżi l-Baxxi	Sena
L-Awstrija	Id-Direttiva ma ġietx trasposta
Il-Polonja	Sentejn
Il-Portugall	Sena
Ir-Rumanija	Id-Direttiva ma ġietx trasposta (Sitt xhur skont il-liġi tat-traspożizzjoni preċedenti li ġiet annullata)
Is-Slovenja	14-il xahar ghad-dejta dwar it-telefonija u tmien xhur ghad-dejta rigward l-internet
Is-Slovakkja	Sena għad-dejta dwar it-telefonija fissa u dik ċellulari, sitt xhur għad-dejta dwar l-aċċess għall-internet, l-email bl-internet u t-telefonija bl-internet
Il-Finlandja	Sena
L-Isvezja	Id-Direttiva ma ġietx trasposta
Ir-Renju Unit	Sena

Filwaqt li din id-diversità fl-approċċ hija permessa mid-Direttiva, isegwi li d-Direttiva tipprovdi biss ċertezza legali u prevedibbiltà limitata mal-UE kollha għall-operaturi li joperaw f'iktar minn Stat Membru wieħed u għaċ-ċittadini li d-dejta dwar il-komunikazzjonijiet tagħhom tista' tinħażen fi Stati Membri differenti. Meta jittieħdu inkunsiderazzjoni l-internazzjonalizzazzjoni dejjem ikbar tal-ipproċessar tad-dejta u l-għoti barra tal-ħżin tad-dejta, għandhom jiġu kkunsidrati l-alternattivi biex ikunu armonizzati iktar il-perjodi ta' żamma fl-UE. Bil-għan li jkun osservat il-prinċipju tal-proporzjonalità u fid-dawl ta' evidenza kwantitattiva u kwalitattiva tal-valur ta' dejta miżmuma fi Stati Membri, u x-xejriet fil-komunikazzjonijiet u teknoloġiji u fil-kriminalità u fit-terroriżmu, il-Kummissjoni se tikkunsidra tapplika perjodi differenti għal kategoriji differenti ta' dejta, għal kategoriji differenti ta' delitti serji jew ta' kumbinazzjoni tat-tnejn⁶⁶. L-evidenza kwantitattiva li pprovdew s'issa l-Istati Membri rigward l-età tad-data miżmuma tissuġġerixxi li madwar disgħin fil-mija tad-dejta jkollha sitt xhur jew inqas u madwar sebgħin fil-mija jkollha tliet xhur jew inqas meta ssir it-talba (inizjali) għal aċċess mill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi (ara Taqsima 5.2).

⁶⁶ Il-proposta tal-Kummissjoni għal direttiva dwar iż-żamma tad-dejta fl-2005 kienet tipprovdi għal perjodu ta' żamma ta' sena għal dejta dwar it-telefonija u sitt xhur għal dejta dwar l-internet.

4.6. Il-protezzjoni tad-dejta, is-sigurtà tad-dejta u l-awtoritajiet ta' sorveljanza (Artikoli 7 u 9)

Id-Direttiva teżiġi li l-Istati Membri jiżguraw irwieħhom li l-operaturi jirrispettaw, bħala minimu, erba' prinċipji tas-sigurtà tad-dejta, jiġifieri, li d-dejta miżmuma għandha tkun:

- (a) tal-istess kwalità u tkun suġġetta għall-istess sigurtà u protezzjoni bħal dik id-dejta fuq in-netwerk [ta' komunikazzjonijiet pubbliċi];
- (b) suġġetta għal miżuri tekniċi u organizzattivi adegwati sabiex id-dejta tiġi protetta kontra l-qerda aċċidentali jew illegali, jew it-telf aċċidentali jew l-alterazzjoni, jew il-ħżin, l-ipproċessar, l-aċċess jew l-iżvelar mhux awtorizzat jew illegali;
- (c) suġġetta għal miżuri tekniċi u organizzattivi adegwati sabiex jiġi żgurat li tkun aċċessibli biss mill-persunal b'awtorizzazzjoni speċjali; kif ukoll;
- (d) minbarra dik li kien hemm aċċess għaliha u ġiet ippreservata [għall-iskop stabbilit fid-Direttiva], għandha tiġi meqruda fit-tmiem tal-perjodu taż-żamma.

F'konformità mad-Direttiva dwar il-Protezzjoni tad-Dejta u mad-Direttiva dwar il-Privatezza Elettronika, l-operaturi huma pprojbiti milli jipproċessaw dejta miżmuma taħt id-Direttiva għal skopijiet oħrajn, sakemm id-dejta ma kinitx altrimenti tinżamm⁶⁷. L-Istati Membri huma mitluba jaħtru awtorità pubblika waħda jew iktar sabiex tkun responsabbli mill-monitoraġġ "b'indipendenza sħiħa", tal-applikazzjoni ta' dawn il-prinċipji, li jistgħu jkunu l-istess awtoritajiet bħal dawk meħtieġa taħt id-Direttiva dwar il-Protezzjoni tad-Dejta⁶⁸.

Ħmistax-il Stat Membru ittrasponew dawn il-prinċipji kollha fil-leġiżlazzjoni rilevanti. Erba' Stati Membri (il-Belġju, l-Estonja, Spanja, il-Latvja) ittrasponew tnejn jew tlieta minn dawn il-prinċipji iżda ma jipprovdux b'mod espliċitu għall-qerda tad-dejta fi tmiem il-perjodu ta' żamma. Żewġ Stati Membri (l-Italja, il-Finlandja) jipprovdu għad-distruzzjoni tad-dejta. Mhuwiex ċar liema miżuri tas-sigurtà tekniċi u organizzattivi speċifiċi, bħal awtentikazzjoni b'saħħitha (strong authentication) u ġestjoni dettaljata tar-reġistri tal-aċċess⁶⁹ ġew applikati. Tnejn u għoxrin Stat Membru għandhom awtorità ta' sorveljanza responsabbli mill-monitoraġġ tal-applikazzjoni tal-prinċipji. Fil-parti l-kbira tal-każijiet, din hija l-awtorità tal-protezzjoni tad-dejta. Id-dettalji qegħdin fit-Tabella 4.

Tabella 4: Il-protezzjoni tad-dejta, is-sigurtà tad-dejta u l-awtoritajiet ta' sorveljanza		
Stat Membru	Id-dispożizzjonijiet dwar il-protezzjoni tad-dejta u dwar is-sigurtà tad-dejta fil-liġi nazzjonali	L-awtorità ta' sorveljanza

⁶⁷ L-Artikolu 13(1) tad-Direttiva 95/46/KE.

⁶⁸ L-Artikolu 28 tad-Direttiva 95/46/KE.

⁶⁹ Awtentikazzjoni b'saħħitha (strong authentication) tinvolvi mekkaniżmi ta' awtentikazzjoni doppji bħal password flimkien ma' bijometrika jew password flimkien ma' token sabiex tkun żgurata l-preżenza fiżika tal-persuna inkarigata mill-ipproċessar tad-dejta dwar it-traffiku. Ġestjoni dettaljata tar-reġistri tal-aċċess tinvolvi r-rintraċċar dettaljat tal-operazzjonijiet tal-aċċess u tal-ipproċessar permezz taż-żamma tar-reġistri li jirreġistraw l-identità tal-utent, il-ħin tal-aċċess u l-fajls li sar aċċess għalihom.

Tabella 4: Il-protezzjoni tad-dejta, is-sigurtà tad-dejta u l-awtoritajiet ta' sorveljanza		
<i>Stat Membru</i>	<i>Id-dispożizzjonijiet dwar il-protezzjoni tad-dejta u dwar is-sigurtà tad-dejta fil-liġi nazzjonali</i>	<i>L-awtorità ta' sorveljanza</i>
Il-Belġju	L-operaturi jridu jiżguraw li t-trażmissjoni tad-dejta ma tistax tiġi interċettata minn parti terza u trid tosserva l-istandards tal-ETSI għas-sigurtà u l-interċezzjoni legali tat-telekomunikazzjonijiet ⁷⁰ . Il-prinċipju tal-qerda obbligatorja tad-dejta fi tmien il-perjodu ta' żamma ma jidherx li għe indirizzat.	L-Istitut għas-Servizzi Postali u t-Telekomunikazzjonijiet
Il-Bulgarija	Il-liġi tat-traspożizzjoni tinkludi rekwiżit sabiex ikunu implimentati l-erba' prinċipji ⁷¹ .	Il-Kummissjoni għall-Protezzjoni tad-Dejta Personali tagħmel monitoraġġ tal-ipproċessar u l-ħżin tad-dejta sabiex tkun żgurata l-konformità mal-obbligi; Il-Kummissjoni Parlamentari fl-Assemblea Nazzjonali – tagħmel monitoraġġ tal-proċeduri għall-awtorizzazzjoni u l-aċċess għad-dejta.
Ir-Repubblika Ċeka ⁷²	Id-Direttiva ma ġietx trasposta.	
Id-Danimarka	Provvediment għal erba' prinċipji. ⁷³	L-Aġenzija Nazzjonali tat-Teknoloġija tal-Infommazzjoni u tat-Telekomunikazzjonijiet timmonitorja l-obbligu għall-fornituri tan-netwerks u tas-servizzi tal-komunikazzjonijiet elettroniċi sabiex tiżgura li t-tagħmir u s-sistemi tekniċi jippermettu l-aċċess lill-pulizija għal informazzjoni dwar it-traffiku tat-telekomunikazzjonijiet.
Il-Ġermanja	Id-Direttiva ma ġietx trasposta.	
L-Estonja	Il-liġi tat-traspożizzjoni tipprovdi għal tlieta mill-erba' prinċipji. Ma hemmx dispożizzjoni espliċita għar-raba' prinċipju għalkemm kwalunkwe persuna li l-privatezza tagħha nkisret b'attivitajiet relatati ma' sorveljanza tista' titlob il-qerda tad-dejta, bla ħsara għal ordni tal-qorti ⁷⁴ .	L-Awtorità tas-Sorveljanza Teknika hija l-awtorità responsabbli.
L-Irlanda ⁷⁵	Il-liġi tat-traspożizzjoni tinkludi rekwiżit sabiex ikunu implimentati l-erba' prinċipji.	L-imhalled maħtur għandu s-setgħa li jinvestiga u jirrapporta dwar jekk l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti humiex qed ikunu konformi mad-dispożizzjonijiet tal-liġi tat-traspożizzjoni.
Il-Greċja ⁷⁶	Il-liġi tat-traspożizzjoni tinkludi rekwiżit sabiex ikunu implimentati l-erba' prinċipji, b'rekwiżit ieħor għall-operaturi li jħejju u japplikaw pjan li jiżgura l-osservanza taħt maniġer nominat għas-sigurtà tad-dejta.	Awtorità għall-Protezzjoni tad-Dejta Personali u Awtorità għall-Privatezza tal-Komunikazzjonijiet.

⁷⁰ L-Artikolu 6, Digriet Irjali tad-9 ta' Jannar 2003.

⁷¹ L-Artikolu 4 (1) tal-Liġi dwar il-Komunikazzjonijiet Elettroniċi (emendata) tal-2010.

⁷² L-Artikoli 87(3) u 88 tal-Att 127/2005 kif emendat bl-Att 247/2008; Taqsima 2 tal-Att 336/2005; Taqsima 3(4) tal-Att 485/2005; Taqsima 28(1) tal-Att 101/2000.

⁷³ L-Att dwar l-Ipproċessar tad-Dejta Personali; Ordni Eżekuttiva Nru. 714 tas-26 ta' Ġunju 2008 dwar Il-Forniment

⁷⁴ Subtaqsima 111(9) tal-Att dwar il-Komunikazzjonijiet Elettroniċi; Subtaqsima 122(2) tal-Kodiċi ta' Proċedura Kriminali.

⁷⁵ Taqsimiet 4, 11 u 12 tal-Att dwar il-Komunikazzjonijiet (Żamma tad-Dejta) tal-2009.

⁷⁶ L-Artikolu 6 tal-Liġi 3917/2011.

Tabella 4: Il-protezzjoni tad-dejta, is-sigurtà tad-dejta u l-awtoritajiet ta' sorveljanza		
<i>Stat Membru</i>	<i>Id-dispożizzjonijiet dwar il-protezzjoni tad-dejta u dwar is-sigurtà tad-dejta fil-liġi nazzjonali</i>	<i>L-awtorità ta' sorveljanza</i>
Spanja ⁷⁷	Id-dispożizzjonijiet dwar is-sigurtà tad-dejta ikopru tlieta mill-erba' prinċipji (il-kwalità u s-sigurtà tad-dejta miżmuma, l-aċċess minn persuni awtorizzati u l-protezzjoni kontra l-iproċessar mhux awtorizzati).	L-Aġenzija tal-Protezzjoni tad-Dejta hija l-awtorità responsabbli.
Franza ⁷⁸	Il-liġi tat-traspożizzjoni tinkludi rekwiżit sabiex ikunu implimentati l-erba' prinċipji.	Il-Kummissjoni Nazzjonali tal-Informatika u tal-Libertajiet tissorvelja l-konformità mal-obbligi.
L-Italja	Ma hemm l-ebda dispożizzjoni espliċita dwar is-sigurtà tad-dejta miżmuma, għalkemm hemm rekwiżit ġenerali għall-qerda jew għall-anonimizzazzjoni tad-dejta dwar it-traffiku u għall-iproċessar kunsenswali tad-dejta ⁷⁹ .	L-awtorità tal-protezzjoni tad-dejta tagħmel monitoraġġ rigward il-konformità tal-operaturi mad-Direttiva
Ċipru ⁸⁰	Il-liġi tat-traspożizzjoni tipprovdi għal kull wieħed mill-erba' prinċipji.	Il-Kummissarju għall-Protezzjoni tad-Dejta Personali jimmonitorja l-applikazzjoni tal-liġi tat-traspożizzjoni.
Il-Latvja ⁸¹	Il-liġi tat-traspożizzjoni tipprovdi għal tnejn mill-prinċipji: il-kunfidenzjalità tad-dejta miżmuma u l-aċċess awtorizzat għaliha, u l-qerda tad-dejta fi tmiem il-perjodu ta' żamma.	L-Ispettorat Statali tad-Dejta jissuperviżjona l-protezzjoni tad-dejta personali fis-settur tal-komunikazzjonijiet elettroniċi, imma mhux l-aċċess u l-iproċessar tad-dejta miżmuma.
Il-Litwanja ⁸²	Il-liġi tat-traspożizzjoni tipprovdi għall-erba' prinċipji.	L-Ispettorat Statali tal-Protezzjoni tad-Dejta jissorvelja l-implimentazzjoni tal-liġi tat-traspożizzjoni, u għandu r-responsabbiltà li jipprovdi l-istatistiċi lill-Kummissjoni Ewropea.
Il-Lussemburgu ⁸³	Il-liġi tat-traspożizzjoni tipprovdi għall-erba' prinċipji.	L-awtorità tal-protezzjoni tad-dejta
L-Ungerija ⁸⁴	Il-liġi tat-traspożizzjoni tipprovdi għall-erba' prinċipji.	Kummissarju Parlamentari għall-Protezzjoni tad-Dejta u l-Libertà tal-Infurmazzjoni
Malta ⁸⁵	Il-liġi tat-traspożizzjoni tipprovdi għall-erba' prinċipji.	Il-Kummissarju għall-Protezzjoni tad-Dejta

⁷⁷ L-Artikolu 8 tal-Liġi 25/2007, l-Artikolu 38(3) Liġi Ġenerali tat-Telekomunikazzjonijiet. Il-Liġi (Artikolu 9) tirreferi għall-eċċezzjoni rigward id-drittijiet ta' aċċess u tħassir preskritti fil-Liġi Organika 15/1999 rigward protezzjoni tad-dejta (Artikoli 22 u 23).

⁷⁸ L-Artikolu D.98-5 tas-CPCE; l-Artikolu L-34-1(V) tas-CPCE; l-Artikolu 34 tal-Att Nru 78-17; l-Artikolu 34-1 tas-CPCE; l-Artikolu 11, tal-Liġi Nru. 78-17 tas-6 ta' Jannar 1978.

⁷⁹ L-Artikoli 123 u 126 tal-Kodiċi dwar il-Protezzjoni tad-Dejta.

⁸⁰ L-Artikoli 14 u 15 tal-Liġi 183(I)/2007.

⁸¹ L-Artikolu 4(4) u l-Artikolu 71(6-8), Il-Liġi dwar il-Komunikazzjonijiet Elettroniċi

⁸² L-Artikoli 12(5), 66(8) u (9) tal-Liġi dwar il-Komunikazzjonijiet Elettroniċi kif emendata fl-14 ta' Novembru 2009.

⁸³ L-Artikolu 1(5) tal-Liġi tal-24 ta' Lulju 2010.

⁸⁴ L-Artikolu 157 tal-Att C/2003, kif emendat mill-Att CLXXIV/2007; l-Artikolu 2 tad-Digriet 226/2003; u l-Att LXIII/1992 dwar il-Protezzjoni tad-Dejta.

⁸⁵ L-Artikoli 24, 25 tan-Nota Legali 198/2008; l-Artikolu 40(b) tal-Att dwar il-Protezzjoni tad-Dejta (Kap. 440).

Tabella 4: Il-protezzjoni tad-dejta, is-sigurtà tad-dejta u l-awtoritajiet ta' sorveljanza		
<i>Stat Membru</i>	<i>Id-dispożizzjonijiet dwar il-protezzjoni tad-dejta u dwar is-sigurtà tad-dejta fil-liġi nazzjonali</i>	<i>L-awtorità ta' sorveljanza</i>
Il-Pajjiżi Baxxi ⁸⁶	Il-liġi tat-traspożizzjoni tipprovdi għall-erba' prinċipji.	L-Aġenzija tal-Komunikazzjonijiet bir-Radju tissorvelja l-obbligi tal-fornituri tal-aċċess għall-internet u tat-telekomunikazzjonijiet; l-awtorità tal-protezzjoni tad-dejta tissorvelja l-ipproċessar ġenerali tad-dejta personali; protokoll jistabbilixxi fid-dettall il-kooperazzjoni bejn iż-żewġ awtoritajiet.
L-Awstrija	Id-Direttiva ma ġietx trasposta.	
Il-Polonja	Il-liġi tat-traspożizzjoni tipprovdi għall-erba' prinċipji ⁸⁷ .	L-awtorità għall-protezzjoni tad-dejta
Il-Portugall	Il-liġi tat-traspożizzjoni tipprovdi għall-erba' prinċipji ⁸⁸ .	L-Awtorità Potugiża għall-Protezzjoni tad-Dejta.
Ir-Rumanija	Id-Direttiva ma ġietx trasposta.	
Is-Slovenja ⁸⁹	Il-liġi tat-traspożizzjoni tipprovdi għall-erba' prinċipji.	Il-Kummissarju għall-Infommazzjoni
Is-Slovakkja ⁹⁰	Il-liġi tat-traspożizzjoni tipprovdi għall-erba' prinċipji.	L-awtorità regolatriċi u tal-ipprezzar nazzjonali fil-qasam tal-komunikazzjonijiet elettroniċi tissorvelja l-protezzjoni tad-dejta personali.
Il-Finlandja	Il-liġi tat-traspożizzjoni tipprovdi b' mod espliċitu biss għar-rekwiżit li d-dejta tinghered fi tmien il-perjodu ta' żamma ⁹¹ .	L-Awtorità Regolatorja tal-Komunikazzjonijiet Finlandiża tissorvelja l-konformità tal-operaturi mar-regolamenti dwar iż-żamma tad-dejta. L-Ombudsman tal-Protezzjoni tad-Dejta jissorvelja l-legalità ġenerali tal-ipproċessar tad-dejta personali
L-Isvezja	Id-Direttiva ma ġietx trasposta.	
Ir-Renju Unit	Il-liġi tat-traspożizzjoni tipprovdi għall-erba' prinċipji ⁹² .	L-Information Commissioner [il-Kummissarju għall-Infommazzjoni] jissorvelja iż-żamma u/jew l-ipproċessar tad-dejta dwar il-komunikazzjonijiet (u kwalunkwe dejta personali oħra) u l-kontrolli xierqa li jikkonċernaw il-protezzjoni tad-dejta. L-Interception Commissioner [il-Kummissarju għall-Interċettazzjonijiet] (imħallef anzjan attiv jew irtirat) jissorvelja l-kisba tad-dejta dwar il-komunikazzjonijiet skont ir-RIPA mill-awtoritajiet pubbliċi. L-Investigatory Powers Tribunal [it-Tribunal tas-Setgħat Investigattivi] jinvestiga l-ilmenti dwar użu ħażin tad-dejta jekk din tinkiseb taħt il-liġi ta' traspożizzjoni (RIPA).

It-traspożizzjoni tal-Artikolu 7 mhijiex konsistenti. Id-dejta miżmuma għandha natura potenzjalment ferm personali u sensitiva u jeħtieġ li jiġu applikati standards għoljin ta'

⁸⁶ L-Artikolu 13(5) tal-Att dwar it-Telekomunikazzjonijiet; It-titolu twil tal-protokoll għall-kooperazzjoni huwa Samenwerkingsovereenkomst tussen Agentschap Telecom en het College bescherming persoonsgegevens met het oog op de wijzigingen in de Telecommunicatiewet naar aanleiding van de Wet bewaarplicht telecommunicatiegegevens.

⁸⁷ L-Artikoli 180a u 180e tal-Att dwar it-Telekomunikazzjonijiet.

⁸⁸ L-Artikoli 7(1), (5) u 11 tal-Liġi 32/2008; l-Artikoli 53 u 54 tal-Att dwar il-Protezzjoni tad-Dejta Personali.

⁸⁹ L-Artikoli 107a(6) u 107c tal-Att dwar il-Komunikazzjonijiet Elettroniċi.

⁹⁰ L-Artikolu 59a tal-Att dwar il-Komunikazzjonijiet Elettroniċi; l-Artikolu S33 tal-Att Nru 428/2002 dwar il-protezzjoni tad-dejta personali.

⁹¹ L-Artikolu 16(3) tal-Att dwar il-Komunikazzjonijiet Elettroniċi;

⁹² L-Artikolu 6 tar-Regolament dwar iż-Żamma tad-Dejta.

protezzjoni tad-dejta u ta' sigurtà tad-dejta matul il-proċess kollu, għall-ħżin, għall-irkupru u għall-użu, u b'mod konsistenti u viżibbli sabiex ikun minimizzat ir-riskju ta' ksur tal-privatezza u tinżamm il-fiduċja taċ-ċittadini. Il-Kummissjoni se tikkunsidra l-alternattivi għat-tisħiħ tas-sigurtà tad-dejta u tal-istandards tal-protezzjoni tad-dejta inkluż l-introduzzjoni ta' soluzzjonijiet ta' privatezza sa mit-tfassil (privacy-by-design) sabiex ikun żgurat li dawn l-istandards jintlaħqu bħala parti kemm mill-ħżin kif ukoll mit-trażmissjoni. Se tikkunsidra wkoll ir-rakkomandazzjonijiet li għamel il-Grupp ta' Ħidma tal-Artikolu 29 dwar il-Protezzjoni tad-Dejta fir-rapport dwar it-tieni azzjoni ta' infurzar għal salvagwardji minimi u għal miżuri ta' sigurtà tekniċi u organizzattivi⁹³.

4.7. L-istatistika (l-Artikolu 10)

L-Istati Membri għandhom jipprovdu lill-Kummissjoni bi statistiċi annwali dwar iż-żamma tad-dejta, inklużi:

- il-każijiet fejn l-informazzjoni nġhatat lill-awtoritajiet kompetenti skont il-liġi nazzjonali applikabbli;
- iż-żmien li jkun għadda bejn id-data li fiha nżammet id-dejta u d-data li fiha l-awtorità kompetenti talbet it-trasmissjoni tad-dejta (jiġifieri, l-età tad-dejta); kif ukoll;
- il-kazijiet fejn it-talbiet ma setgħux jiġu milqugħa.

Meta talbet l-istatistiċi skont din id-dispożizzjoni, il-Kummissjoni talbet lill-Istati Membri sabiex ifornu dettalji dwar każijiet ta' "talbiet" individwali għal dejta. Madankollu, l-istatistiċi pprovduti kienu jvarjaw fl-ambitu u fid-dettall: fit-tweġibiet tagħhom, uħud mill-Istati Membri għamlu distinzjoni bejn tipi differenti ta' komunikazzjoni, uħud indikaw l-età tad-dejta fil-mument tat-talba, filwaqt li oħrajn ipprovdew biss statistiċi annwali bla ebda analiżi dettaljata. Dsatax-il Stat Membru⁹⁴ pprovdew statistiċi dwar in-numru ta' talbiet għal dejta għall-2009 u/jew għall-2008; dawn kienu jinkludi lill-Irlanda, lill-Greċja, u lill-Awstrija fejn kien hemm talbiet għal dejta minkejja n-nuqqas ta' liġi ta' traspożizzjoni, u r-Repubblika Ċeka u l-Ġermanja, li l-liġi dwar iż-żamma tad-dejta tagħhom kienet annullata. Seba' Stati Membri li ttrasponew id-Direttiva ma pprovdewx statistiċi, minkejja li l-Belġju pprova stima tal-volum ta' talbiet annwali għal dejta dwar it-telefonija (300 000).

Dejta kwantitattiva u kwalitattiva affidabbli hija kruċjali sabiex jintwerew in-neċessità u l-valur tal-miżuri ta' sigurtà bħaż-żamma tad-dejta. Dan kien rikonoxxut fil-pjan ta' ħidma tal-2006 sabiex titkejjel il-kriminalità u l-ġustizzja kriminali⁹⁵ li kien jinkludi għan sabiex ikunu żviluppati metodi għal ġbir regolari tad-dejta f'konformità mad-Direttiva u sabiex l-istatistiċi jkunu inklużi fil-bażi tad-dejta tal-Eurostat (sakemm jissodisfaw l-istandards ta' kwalità). Ma kienx possibbli li dan l-għan jintlaħaq, peress li l-parti l-kbira tal-Istati Membri ttrasponew b'mod sħiħ id-Direttiva biss fl-aħħar sentejn u użaw interpretazzjonijiet differenti għas-sors

⁹³ L-Opinjoni 3/2006 tal-Grupp ta' Ħidma tal-Artikolu 29 dwar il-Protezzjoni tad-Dejta (WP119); ir-Rapport 01/2010.

⁹⁴ Ir-Repubblika Ċeka, id-Danimarka, il-Ġermanja, l-Estonja, l-Irlanda, il-Greċja, Spanja, Franza, Ċipru, il-Latvja, il-Litwanja, Malta, il-Pajjiżi l-Baxxi, l-Awstrija, il-Polonja, is-Slovenja, is-Slovakkja, il-Finlandja u r-Renju Unit,

⁹⁵ Komunikazzjoni tal-Kummissjoni COM(2006)437- 'L-iżvilupp ta' strateġija tal-UE komprensiva u koerenti sabiex titkejjel il-kriminalità u l-ġustizzja kriminali: Pjan ta' Azzjoni tal-UE 2006 – 2010'.

tal-istatistiċi. Fil-proposta futura tagħha għar-reviżjoni tal-qafas dwar iż-żamma tad-dejta il-Kummissjoni, flimkien mar-reviżjoni tal-pjan ta' azzjoni dwar l-istatistiċi, se tfitte li tiżviluppaw metrika u proċeduri ta' rapportar fattibbli, li għandhom jippermettu monitoraġġ taż-żamma tad-dejta li jkun trasparenti u sinifikanti u li ma jqiegħdux piżijiet żejda fuq is-sistemi tal-ġustizzja kriminali u l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi.

4.8. It-traspożizzjoni fil-pajjiżi taż-ŻEE

Leġislazzjoni dwar iż-żamma tad-dejta tinsab fis-seħħ fl-Islanda, fil-Liechtenstein u fin-Norveġja⁹⁶.

4.9. Id-deċiżjonijiet tal-Qrati Kostituzzjonali dwar il-liġijiet tat-traspożizzjoni

Il-Qorti Kostituzzjonali Rumena f'Ottubru 2009, il-Qorti Kostituzzjonali Federali Ġermaniża f'Marzu 2010 u l-Qorti Kostituzzjonali Ċeka f'Marzu 2011 annullaw il-liġijiet li kienu jittrasponu d-Direttiva fil-ġurisdizzjonijiet rispettivi tagħhom minħabba li dawn kienu inkostituzzjonali. Il-Qorti Rumena⁹⁷ aċċettat li l-interferenza fid-drittijiet fundamentali tista' tkun permessa fejn din tirrispetta ċerti regoli, u tipprovdi salvagwardji adegwati u suffiċjenti sabiex ikun hemm protezzjoni minn azzjoni potenzjalment arbitrarja min-naħa tal-Istat. Madankollu, mill-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem⁹⁸, il-Qorti sabet li l-liġi ta' traspożizzjoni hija ambigwa fl-ambitu u fil-għan u mingħajr biżżejjed salvagwardji, u ddeċidiet li 'obbligu legali kontinwu' rigward iż-żamma tat-traffiku kollu tad-dejta għal sitt xhur kien inkompatibbli mad-drittijiet għall-privatezza u l-libertà tal-espressjoni fl-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem.

Il-Qorti Kostituzzjonali Germaniża⁹⁹ qalet li iż-żamma tad-dejta ġġenerat perċezzjoni ta' sorveljanza li setgħet tippreġudika t-tħaddim ħieles tad-drittijiet fundamentali. Hija rrikonossiet b'mod espliċitu li żamma tad-dejta għal użi strettament limitati u flimkien ma' sigurtà suffiċjentement għolja tad-dejta mhux bilfors tikser il-Kostituzzjoni Ġermaniża. Madankollu, il-Qorti enfasizzat li iż-żamma tad-dejta kienet tikkostitwixxi restrizzjoni tad-dritt għall-privatezza u għalhekk għandha tkun ammissibbli biss taħt ċirkostanzi limitati partikolari, u li perjodu ta' żamma ta' sitt xhur kien viċin l-ogħla livell (*'an der Obergrenze'*) ta' x'jista' jiġi kkunsidrat proporzjonat (paragrafu 215). Id-dejta għandha tintalab biss fejn diġà kien hemm suspett ta' reat kriminali serju jew evidenza ta' periklu għas-sigurtà pubblika, u l-irkupru tad-dejta għandu jkun ipprobit għal ċerti komunikazzjonijiet privileġġjati (jiġifieri, dawk konnessi ma' ħtieġa emozzjonali jew soċjali) li huma msejsa fuq il-kunfidenzjalità. Id-dejta għandha wkoll tkun ikkodifikata b'superviżjoni trasparenti tal-użu tagħha.

Il-Qorti Kostituzzjonali Ċeka¹⁰⁰ annullat il-liġi ta' traspożizzjoni fuq il-bażi li, bħala miżura li kienet timpinġi fuq id-drittijiet fundamentali, il-liġi ta' traspożizzjoni ma kinitx preċiża u ċara biżżejjed fil-formulazzjoni tagħha. Il-Qorti kkritikat il-limitu għall-iskopijiet bħala dejjaq wisq meta wieħed jikkunsidra l-iskala u l-ambitu tal-ħtieġa taż-żamma tad-dejta. Hija

⁹⁶ Il-liġi ta' traspożizzjoni fl-Islanda hija l-Att dwar it-Telekomunikazzjonijiet 81/2003 (kif emdat f'April 2005); fil-Liechtenstein huwa l-Att dwar it-Telekomunikazzjonijiet tal-2006. Fin-Norveġja, il-liġi ta' traspożizzjoni kienet approvata fil-5 ta' April 2011, u l-liġi bħalissa qed tistenna l-Kunsens Irjali.

⁹⁷ Sentenza Nru 1258 mit-8 ta' Ottubru 2009 tal-Qorti Kostituzzjonali Rumena,

⁹⁸ QEDB, *Rotarju v ir-Rumanija* 2000, *Sunday Times v Renju Unit* 1979 u l-*Prinċep Hans-Adam tal-Liechtenstein v. ir-Rumanija* 2001.

⁹⁹ Bundesverfassungsgericht, 1 BvR 256/08, para 1 – 345.

¹⁰⁰ Sentenza tal-qorti kostituzzjonali Ċeka tat-22 ta' Marzu dwar l-Att Nru 127/2005 u d-Digriet Nru 485/2005; ara b'mod partikolari paragrafi 45-48, 50-51 u 56

ddeċidiet li l-awtoritajiet ta' definizzjoni kompetenti biex jaċċessaw u jużaw dejta miżmuma u l-proċeduri għal tali aċċess u użu ma kinux ċari biżżejjed fil-liġi ta' traspożizzjoni biex tkun żgurata l-integrità u l-kunfidenzjalità tad-dejta. Iċ-ċittadin privat, għahekk, ma kellux garanziji u salvagwardji biżżejjed kontra abbużi possibbli ta' poter mill-awtoritajiet pubbliċi. Ma kkritikax lid-Direttiva innifisha u ddikjarat li din kienet tħalli spazju biċċejjed biex ir-Repubblika Ċeka tittrasponi b'konformità mal-kostituzzjoni. Madankollu, il-Qorti *fobiter dictum* esprimiet dubju dwar in-neċessità, l-effikaċja u l-korrettezza taż-żamma tad-dejta dwar it-traffiku meta qed joħorġu metodi ġodda ta' kriminalità bħall-permezz tal-użu ta' SIM kards anonimi.

Dawn it-tliet Stati Membri issa qed jikkunsidraw kif jittrasponu d-Direttiva mill-ġdid. Tressqu kawżi dwar iż-żamma tad-dejta anki quddiem il-qrati kostituzzjonali tal-Bulgarija, li rriżultaw f'reviżjoni tal-liġi tat-traspożizzjoni, u ta' Ċipru, fejn ordnijiet tal-qorti maħruġa taħt il-liġi tat-traspożizzjoni ġew ikkunsidrati bħala inkostituzzjonali, u tal-Ungerija, fejn jinsab pendent i każ li jirrigward in-nuqqas fil-liġi ta' traspożizzjoni tal-għanijiet legali tal-ipproċessar tad-dejta¹⁰¹.

Fil-proposta li se tagħmel fil-futur rigward ir-reviżjoni tal-qafas dwar iż-żamma tad-dejta il-Kummissjoni se tikkunsidra l-kwistjonijiet li tqajmu mill-ġurisprudenza nazzjonali.

4.10. Infurzar kontinwu tad-Direttiva

Il-Kummissjoni tistenna li l-Istati Membri li għadhom ma ttrasponewx id-Direttiva għal kollox, jew li għadhom ma adottawx leġiżlazzjoni li tissostitwixxi l-liġi ta' traspożizzjoni annullata mill-qrati nazzjonali, jagħmlu dan mingħajr dewmien. Jekk ma jsirx hekk, il-kummissjoni tirriżerva d-dritt li tħaddem il-poteri tagħha taħt it-Trattati tal-UWE. Fil-preżent il-Qorti tal-Ġustizzja sabet li żewġ Stati Membri li għadhom ma ttrasponewx id-Direttiva (l-Awstrija u l-Isvezja) kienu kisru l-obbligi tagħhom taħt il-liġi tal-UE¹⁰². F'April 2011 il-Kummissjoni ddeċidiet li tirreferi lill-Isvezja għat-tieni darba lill-Qorti talli naqset li tosserva s-sentenza fil-Kawża C-185/09, fejn talbet li jiġu imposti penali finanzjarji taħt l-Artikolu 260 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, wara li l-Parlament Svediż iddeċieda li jipposponi l-adozzjoni tal-liġi ta' traspożizzjoni bi 12-il xahar. Il-Kummissjoni qed tkompli tagħmel monitoraġġ tas-sitwazzjoni fl-Awstrija li pprovdiet skeda ta' żmien għall-adozzjoni imminenti tal-liġi ta' traspożizzjoni.

5. IR-RWOL TAD-DEJTA MIŻMUMA FIL-ĠUSTIZZJA KRIMINALI U FL-INFURZAR TAL-LIĠI

Din it-taqsimha tagħti sommarju tal-funzjonijiet tad-dejta miżmuma kif deskritti mill-Istati Membri fil-kontributi tagħhom għall-evalwazzjoni.

¹⁰¹ Qorti Suprema Amministrattiva Bulgara, Deċiżjoni Nru 13627, tal-11 ta' Diċembru 2008; Qorti Suprema ta' Ċipru, Kawża ta' Appell Nri 65/2009, 78/2009, 82/2009 u 15/2010-22/2010, tal-1 ta' Frar 2011; Ilment kostituzzjonali fl-Ungerija tressaq mil-Unjoni Ungeriża għal-Libertajiet Ċivili fit-2 ta' Ġunju 2008.

¹⁰² Kawża C-189/09 u Kawża C-185/09, rispettivament.

5.1. Il-volum tad-dejta miżmuma li kellhom aċċess għaliha l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti

Il-volum kemm tat-traffiku tat-telekomunikazzjonijiet kif ukoll tat-talbiet għal aċċess għad-dejta qed jiżdied. L-istatistiċi li pprovdew 19-il Stat Membru għall-2008 u/jew għall-2009 jindikaw li, b'mod ġenerali fl-UE, kull sena tressqu iktar minn żewġ miljun talba għal dejta, b'varjanza sinifikanti bejn l-Istati Membri, minn inqas minn 100 fis-sena (Ċipru) għal iktar minn miljun (il-Polonja). Skont informazzjoni dwar it-tip ta' dejta mitluba li pprovdew tmax-il Stat Membru għall-2008 jew għall-2009, l-iktar tip ta' dejta li tintalab ta' spiss kienet relatata mat-telefonija ċellulari (ara t-Tabelli 5, 8 u 12). L-istatistiċi ma jindikawx l-għan preċiż li għalih tressqet kull talba. Ir-Repubblika Ċeka, il-Latvja u l-Polonja ddikjaraw li fil-każ ta' dejta dwar it-telefonija ċellulari, l-awtoritajiet kompetenti kellhom jissottomettu l-istess talba lil kull wieħed mill-operaturi ewlenin tat-telefonija ċellulari, u li għaldaqstant in-numru attwali ta' talbiet għal kull każ kienu ħafna inqas milli jissuġġerixxu l-istatistiċi.

Ma hemm l-ebda spjegazzjoni ovyja għal dan in-nuqqas ta' qbil, għalkemm id-daqs tal-popolazzjoni, it-tendenzi prevalenti fil-kriminalità, il-limiti għall-iskopijiet, il-kundizzjonijiet għall-aċċess u l-ispejjeż biex tinkiseb id-dejta lkoll huma fatturi rilevanti.

5.2. L-età tad-dejta miżmuma li sar aċċess għaliha

Fuq il-bażi ta' elenku statistiku li pprovdew l-Istati Membri¹⁰³ għall-2008 (ara s-sommarju fit-Tabella 5 u iktar dettalji fl-Anness)madwar disgħin fil-mija tad-dejta li kellhom aċċess għaliha l-awtoritajiet kompetenti f'dik is-sena kellha sitt xhur jew inqas u madwar sebgħin fil-mija kellha tliex xhur jew inqas meta saret it-talba inizjali għall-aċċess.

Tabella 5: Ħarsa ġenerali lejn l-età tad-dejta miżmuma li kien hemm aċċess għaliha f'disa' Stati Membri li pprovdew elenku bit-tip ta' dejta fl-2008				
<i>L-età</i>	<i>Telefonija fissa</i>	<i>Telefonija ċellulari</i>	<i>Dejta dwar l-internet</i>	<i>L-aggregat</i>
Inqas minn 3 xhur	61%	70%	56%	67%
Bejn 3 u 6 xhur	28%	18%	19%	19%
Bejn 6 xhur u 12-il xahar	8%	11%	18%	12%
Iktar minn sena	3%	1%	7%	2%

Skont il-parti l-kbira tal-Istati Membri, l-użu ta' dejta miżmuma li għandha iktar minn tliet xhur u anke sitt xhur huwa inqas frekwenti imma tista' tkun kruċjali; l-użu tagħha kellu t-tendenza li jaqa' fi tliet kategoriji. L-ewwel, dejta relatata mal-internet għandha t-tendenza li tintalab iktar tard minn forom oħrajn ta' evidenza matul l-investigazzjonijiet kriminali. Analiżi tad-dejta dwar telefonija fuq netwerks fissi u dwar telefonija ċellulari ta' spiss tiġġenera informazzjoni potenzjali li tirriżulta f'iktar talbiet għal dejta iktar antika. Pereżempju, jekk matul investigazzjoni instab isem fuq il-bażi ta' dejta dwar telefonija fuq netwerks fissi jew dwar telefonija ċellulari, l-investigaturi jistgħu jkunu jridu jidentifikaw l-indirizz tal-Protokoll tal-Internet (IP) li kienet qed tuża din il-persuna u jistgħu jkunu jridu jidentifikaw ma' min kienet f'kuntatt din il-persuna tul ċertu perjodu ta' żmien permezz ta'

¹⁰³ Ir-Repubblika Ċeka, id-Danimarka, l-Estonja, l-Irlanda, Spanja, Ċipru, il-Latvja, Malta, ir-Renju Unit.

dan l-indirizz tal-IP. F'xenarju ta' din ix-xorta, huwa probabbli li l-investigaturi jitolbu dejta li tippermetti li jiġu rintraċċati anki komunikazzjonijiet ma' indirizzi tal-IP oħrajn u l-identitajiet tal-persuni li jkunu użaw daww l-indirizzi tal-IP.

It-tieni, l-investigazzjonijiet ta' delitti partikolarment serji, ta' sensiela ta' delitti, tal-kriminalità organizzata u ta' inċidenti terroristiċi għandhom it-tendenza li jistrieħu fuq dejta miżmuma iktar antika, fatt li jirrifletti t-tul ta' żmien meħud sabiex jiġu ppjanati dawn ir-reati, biex jiġu identifikati x-xejriet ta' komportament kriminali u r-relazzjonijiet bejn il-kompliċi f'delitt u sabiex tiġi stabbilita l-intenzjoni kriminali. L-attivitajiet konnessi ma' delitti ta' finazzi kumplessi ħafna drabi jiġu skoperti wara ħafna xhur. It-tielet, u eċċezzjonalment, l-Istati Membri talbu wkoll dejta dwar it-traffiku miżmuma fi Stat Membru ieħor, li normalment jista' jirrilaxxa din id-dejta biss b'awtorizzazzjoni għudizzjarja bi tweġiba għal ittra rogatorja maħruġa minn imħallef fl-Istat Membru li jkun qed jagħmel it-talba. Din it-tip ta' assistenza legali reċiproka tista' tkun proċess li jieħu fit-tul, li jispjega għaliex uħud mid-dejta mitluba kellha iktar minn sitt xhur.

5.3. It-talbiet transkonfinali għad-dejta miżmuma

L-investigazzjonijiet u l-prosekuzzjonijiet kriminali jistgħu jinvolvu evidenza jew xhieda minn, jew avvenimenti li seħħew f'iktar minn Stat Membru wieħed. Skont l-istatistiċi pprovduti mill-Istati Membri, inqas minn 1 % tat-talbiet kollha għal dejta miżmuma kienu jikkonċernaw dejta miżmuma fi Stat Membru ieħor. L-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi indikaw li huma jippreferu jitolbu dejta mingħand operaturi domestiċi, li setgħu ħażnu d-dejta rilevanti, iktar milli jniedu proċedura ta' assistenza legali reċiproka li tista' tieħu ħafna żmien mingħajr ma tagħti garanzija li l-aċċess għad-dejta se jingħata. Id-Deċiżjoni Kwadru 2006/960/ĠAI dwar is-simplifikazzjoni tal-iskambju ta' informazzjoni u intelligence bejn l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi¹⁰⁴ tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea, li tistabbilixxi skadenzi għall-ġhotti ta' informazzjoni wara talba mingħand Stat Membru ieħor, mhijiex applikabbli għaliex id-dejta miżmuma hija kkunsidrata bħala informazzjoni miksuba b'impożizzjoni, li taq' barra mill-ambitu tal-istrument. Madankollu, l-ebda Stat Membru jew awtorità tal-infurzar tal-liġi ma għamel talba sabiex skambju transkonfinali ta' din ix-xorta jiġi ffaċilitat iktar.

5.4. Il-valur tad-dejta miżmuma f'investigazzjonijiet u fi prosekuzzjonijiet kriminali

Filwaqt li n-numru assolut ta' rapporti dwar it-talbiet għad-dejta mhux neċessarjament jirriflettu l-valur tad-dejta f'investigazzjonijiet kriminali individwali, l-Istati Membri ġeneralment irrappurtaw li ż-żamma tad-dejta kienet mill-inqas ta' valur, u f'ċerti każi indispensabbli¹⁰⁵, għall-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-kriminalità, inkluża l-protezzjoni tal-vittmi u l-ħelsien ta' daww li jinstabu innoċenti fi proċedimenti kriminali. Il-kundanni li jirnexxu huma bbażati fuq dikjarazzjonijiet ta' ħtija, dikjarazzjonijiet tax-xhieda jew evidenza forensika. Kien irrappurtat li d-dejta miżmuma dwar it-traffiku kienet meħtieġa sabiex ikunu

¹⁰⁴ Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2006/960/ĠAI tat-18 ta' Diċembru 2006 dwar is-simplifikazzjoni [tal]-iskambju ta' informazzjoni u intelligence bejn l-awtoritajiet [tal]-infurzar tal-liġi [tal]-Istati Membri [tal]-Unjoni Ewropea, ĠU L 386, 29/12/2006. p. 89-100 u ĠU L 200, 01/08/2007. p. 637-648.

¹⁰⁵ Ir-Repubblika Ċeka tikkunsidra ż-żamma tad-dejta bħala 2kompletament indispensabbli f'għadd kbir ta' każi", l-Ungerija qalet li kienet "indispensabbli fl-attivitajiet regolari ta' [aġenziji tal-infurzar tal-liġi] Is-Slovenja ddikjarat li mingħajr iż-żamma tad-dejta l-operazzjoni tal-"aġenziji tal-infurzar tal-liġi tkun paralizzata"; aġenzija tal-pulizija fir-Renju Unit iddeskriviet id-disponibbiltà tad-dejta dwar it-traffiku bħala "assolutament kruċjali...fl-investigazzjoni tat-theddida tat-terroriżmu u l-kriminalità serja".

kkuntattjati xhieda ta' inċident li kieku ma kinux jiġu identifikati, u sabiex tkun ipprovduta evidenza, jew informazzjoni ħalli tkun stabbilita l-kumplicità f' delitt. Ċerti Stati Membri¹⁰⁶ sostnew ukoll li l-użu tad-dejta miżmuma għen sabiex tiġi stabbilita l-innoċenza ta' persuni li kienu suspettati li wettqu delitti mingħajr ma ntużaw metodi oħrajn ta' sorveljanza, bħal interċezzjonijiet jew tiftix fid-djar, li jistgħu jiġu kkunsidrati bħala iktar intrużivi.

Ma hemm l-ebda definizzjoni ġenerali ta' "kriminalità serja" fl-UE, u għaldaqstant ma hemm l-ebda statistika tal-UE dwar l-inċidenza tal-kriminalità serja jew tal-investigazzjonijiet jew tal-prosekuzzjonijiet tal-kriminalità serja, għalkemm tiġi ppubblikata regolarment dejta dwar il-kriminalità u l-ġustizzja. Il-volum aggregat tat-talbiet għal dejta miżmuma, kif ġie rrapportat minn 19-il Stat Membru li fornex xi tip ta' dejta għall-2009 u/jew għall-2008 kien ta' madwar 2.6 miljun. Meta pparagunat mal-iktar statistiċi reċenti dwar il-kriminalità u l-ġustizzja kriminali disponibbli għal dawn id-19-il Stat Membru – li jirreferu għad-delitti kollha rrapurtati, mhux delitti serji biss – jista' jingħad li kien hemm ftit iktar minn żewġ talbiet talba għal kull uffiċjal tal-pulizija fis-sena, jew madwar 11-il talba għal kull 100 delitt irreġistrat¹⁰⁷.

Fuq il-bażi tal-istatiċi u tal-eżempji pprovduti, li jorbtu l-użu tad-dejta storika miżmuma dwar il-komunikazzjonijiet man-numru ta' kundanni, ta' persuni lliberati mill-akkużi, ta' każijiet li ma jtkomplewx u ta' delitti pprevenuti, jistgħu jingħadu numru ta' konklużjonijiet dwar ir-rwol u l-valur tad-dejta miżmuma għall-investigazzjoni kriminali.

Il-bini tat-traċċi tal-evidenza

L-ewwel, id-dejta miżmuma tippermetti l-bini ta' traċċi ta' evidenza li jwasslu għal reat. Hija tintuża sabiex issir distinzjoni bejn, jew jiġu kkoraborati forom oħra ta' evidenza dwar l-attivitajiet u l-konnessjonijiet bejn persuni suspettati. Id-dejta dwar il-lok b'mod partikolari intużat, kemm mill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi kif ukoll mill-akkużati, sabiex il-persuni suspettati jiġu esklużi mix-xeni tad-delitti u sabiex ikunu vverifikati l-alibi. Din l-evidenza għalhekk tista' tneħħi lil persuni minn taħt investigazzjonijiet kriminali, biex b'hekk tkun eliminata l-ħtieġa għal investigazzjonijiet iktar intrużivi jew tista' twassal biex persuni jiġu lliberati mill-akkużi waqt il-proċessi. Il-Belġju semma' l-kundanna fl-2008 ta' dawk li kkommettew il-ħtif ta' impġjegat tal-qorti kriminali ta' Antwerp, fejn id-dejta dwar il-lok li kienet torbot l-attivitajiet fi tlett ibliet separati kienet deċiżiva sabiex tikkonvinċi lill-ġurija bil-kompliċità tagħhom. F'każ ieħor, dak ta' omiċidju relatat ma' tajfa ta' motoċiklisti fl-2007, id-dejta dwar il-lok mit-telefons ċellulari tat-trasgressuri pprovat li kienu f'dawk l-inħawi meta seħħ l-omiċidju u dan wassal għal ammissjoni parzjali¹⁰⁸. Skont il-Belġju, l-Irlanda u r-Renju unit, ċerti delitti li jinvolvu komunikazzjoni minn fuq l-internet jistgħu jiġu investigati biss permezz taż-żamma tad-dejta: pereżempju, theddid ta' vjolenza espress f'chat rooms ta' spiss ma jħalli l-ebda traċċa ħlief id-dejta dwar it-traffiku fiċ-ċiberspazju. Tapplika

¹⁰⁶ Il-Ġermanja, il-Polonja, is-Slovenja, ir-Renju Unit.

¹⁰⁷ Fl-2007, kien hemm 1,7 miljun uffiċjali tal-pulizija fl-UE-27, li minnhom 1,2 miljun kienu fid-19-il Stat Membru li pprovdew statistiċi dwar talbiet għal dejta miżmuma; fl-2007 kien hemm 29,2 miljun delitti rreġistrati mill-pulizija fl-UE, li minnhom 24 miljun kienu rreġistrati fid-19-il Stat Membru li pprovdew statistiċi. (Sors: l-Eurostat, 2009).

¹⁰⁸ National Policing Improvement Agency [Aġenzija Nazzjonali għat-Titjib ta' Ħidmet il-Pulizija] (UK), *The Journal of Homicide and Major Incident Investigation* [Il-Ġurnal tal-Investigazzjoni tal-Omiċidji u tal-Inċidenti Ewlenin], Volum 5, Hargha 1, Rebbiegħa 2009, p. 39-51.

sitwazzjoni simili fil-każ ta' reati li jsiru minn fuq it-telefon. L-Ungerija u l-Polonja semmew każ ta' frodi kontra nies anzjani fl-aħħar tal-2009 u l-bidu tal-2010 li sar permezz ta' telefonati fejn it-trasgressuri għamlu ta' membri tal-familja li kellhom bżonn jisselvu l-flus u li setgħu jiġu identifikati biss permezz ta' dejta tat-telefonija miżmuma.

Il-bidu ta' investigazzjonijiet kriminali

It-tieni, kien hemm każijiet fejn, fin-nuqqas ta' evidenza forensika jew ta' xhud li jkun ra l-fatti, l-uniku mod biex tinbeda investigazzjoni kriminali kien li tiġi kkonsultata d-dejta miżmuma. Il-Ġermanja semmiet l-eżempju tal-omiċidju ta' uffiċjal tal-pulizija, fejn l-attakkant kien ħarab fil-vettura tal-vittma, li abbandunaha iktar tard. Kien possibbli li jiġi stabbilit li mbagħad huwa ċempel għal mezz alternattiv ta' trasport. Ma kien hemm l-ebda evidenza forensika jew ta' xhud li ra l-fatti dwar l-identità tal-qattiel, u l-awtoritajiet straħu fuq id-disponibbiltà ta' din id-dejta dwar it-traffiku sabiex setgħu jkomplu bl-investigazzjoni. F'każi ta' abbuż sesswali tat-tfal relatat mal-internet, iż-żamma tad-dejta kienet indispensabbli għas-suċċess tal-investigazzjonijiet. Flimkien ma' tekniki investigattivi oħra id-dejta miżmuma tgħin fl-identifikazzjoni ta' konsumaturi tal-materjal fuq l-abbuż tat-tfal¹⁰⁹, u tassisti biex jiġu identifikati u salvati vittmi tfal. Ir-Repubblika Ċeka rrapportat li mingħajr aċċess għal dejta miżmuma relatata mal-internet kien ikun impossibbli li jinfetħu investigazzjonijiet bħala parti mill-'Operation Vilma' f'network ta' utenti u disseminaturi ta' pronografija tat-tfal. Fil-livell tal-UE, l-effikaċja tal-Operation Rescue (li hija ffaċilitata mill-Europol) fil-protezzjoni tat-tfal kontra l-abbuż kienet imxekkla minħabba li n-nuqqas ta' leġiżlazzjoni ta' traspożizzjoni rigward iż-żamma tad-dejta ma ppermettiex lil ċerti Stati Membri li jinvestigaw membri ta' network pedofilu internazzjonali estensiv billi jiżaw l-indirizzi IP, li setgħu kienu ilhom mażżuna sa sena.

Fl-investigazzjoni ta' ċiberkriminalità, indirizz tal-IP ta' spiss ikun l-ewwel informazzjoni. L-awtorità tal-infurzar tal-liġi, permezz tal-irkupru tad-dejta dwar it-traffiku, tista' tidentifika lill-abbonat wara l-indirizz tal-IP, qabel ma tiddetermina jekk tistax tiġi varata investigazzjoni kriminali. Barra minn hekk, dan jagħti possibbiltà lill-pulizija biex iwissu lil vittmi potenzjali ta' attakki ċibernetiċi: fejn il-pulizija jirnexxielhom jaqbd server ta' kmand u kontroll (command-and-control server) użat mill-operaturi ta' Botnets (networks ta' kompjuters kompromessi jew kompjuters żombi li jintużaw biex iwettqu attivitajiet, fosthom reati elettroniċi, ta' sikwit mingħajr ma jkunu jafu l-utenti tal-kompjuters kompromessi stess), huma jkunu jistgħu jaraw biss l-indirizzi tal-IP konnessi ma' dak is-server; imma billi jkollhom aċċess għad-dejta miżmuma, il-pulizija jkunu jistgħu jidentifikaw u jwissu lill-vittmi potenzjali li jkollhom dawk l-indirizzi tal-IP.

Id-dejta miżmuma hija parti integrali mill-investigazzjoni kriminali

It-tielet, filwaqt li l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi u l-qrati fil-maġġoranza tal-Istati Membri ma jżommux statistiċi dwar it-tip ta' evidenza li kienet kruċjali għall-konferma tal-kundanni jew il-ħelsien, id-dejta miżmuma hija integrali għall-investigazzjoni kriminali u l-

¹⁰⁹ Il-proġett '*Measurement and analysis of p2p activity against paedophile content*', appoġġat mill-programm Internet iktar Sigur, ipprova informazzjoni preċiża dwar attività ta' pedofelija fis-sistema eDonkey peer-to-peer, li għenet l-identifikazzjoni ta' 178 000 utent (minn 89 miljun utent skrinjati) li talbu għal materjal ta' pedofelija.

prosekuzzjoni fl-UE. Ċerti Stati Membri qalu li mhux dejjem setgħu jiżolaw l-impatt tad-dejta miżmuma fuq is-suċċess ta' investigazzjonijiet u prosekuzzjonijiet kriminali, minħabba li l-qراطي jikkunsidraw l-evidenza kollha ppreżentata lilhom u rament isibu biċċa waħda ta' evidenza li kienet konkluziva¹¹⁰. Il-Pajjiżi l-Baxxi rrapportaw li, minn Jannar sa Lulju 2010, id-dejta storika dwar it-traffiku kienet fattur deċiżiv f'24 sentenza tal-qorti. Il-Finlandja rrapportat li f'56% mit-3405 talbiet, id-dejta miżmuma kienet jew 'importanti' jew 'essenzjali' għall-iskoperta u/jew il-prosekuzzjoni ta' kawżi kriminali. Ir-Renju Unit ipprovdta dejta li ppruvat tikkwantifika l-impatt taż-żamma tad-dejta fuq il-prosekuzzjonijiet kriminali; huwa rrapporta li, għal tlieta mill-aġenziji tal-infurzar tal-liġi tiegħu, id-dejta miżmuma intużat fil-parti l-kbira jekk mhux fl-investigazzjonijiet kollha li rriżultaw fi prosekuzzjoni kriminali jew f'kundanna.

5.5. L-iżviluppi teknoloġiċi u l-użu ta' SIM cards imħallsin minn qabel

L-infurzar tal-liġi jeħtieġ li jimxi pari passu mal-iżviluppi teknoloġiċi li jintużaw sabiex jitwettaq delitt jew sabiex tingħata għajnuna ħalli jitwettaq delitt. Iż-żamma tad-dejta hija fost l-għodod ta' investigazzjoni kriminali meħtieġa sabiex l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi jkunu armati ħalli jindirizzaw l-isfidi kontemporanji tal-kriminalità fid-diversità, fil-volum u fil-veloċità tagħhom b'mod li jista' jiġi ġestit u li jkun effiċjenti fl-infiq. Numru ta' forom dejjem iktar komuni ta' komunikazzjoni jaqgħu barra mill-ambitu tad-Direttiva. In-Netzwerke Privati Virtwali (VPN), pereżempju fl-universitajiet jew fil-korporazzjonijiet il-kbar, jippermettu li diversi utenti jkollhom aċċess għall-internet permezz ta' mogħdija waħda billi jintuża l-istess indirizz tal-IP. Madankollu, bħalissa qed tiġi introdotta teknoloġija ġdida li tippermetti li jiġu attribwiti indirizzi lil utenti individwali tal-VPN.

Il-proporzjon tal-utenti tat-telefonija ċellulari li jużaw servizzi mħallsin minn qabel ivarja min-naħa għall-oħra tal-UE. Uħud mill-Istati Membri sostnew li s-SIM cards anonimi u mħallsin minn qabel, speċjalment meta jinxtaw fi Stat Membru ieħor, jistgħu jintużaw ukoll minn dawk involuti f'attività kriminali bħala mezz sabiex jevitaw li jiġu identifikati f'investigazzjoni kriminali¹¹¹. Sitt Stati Membri (id-Danimarka, Spanja, l-Italja, il-Greċja, is-Slovakkja, il-Bulgarija) adottaw miżuri li jeżiġu r-reġistrazzjoni ta' SIM cards imħallsin minn qabel. Dawn u Stati Membri oħrajn (il-Polonja, Ċipru, il-Litwanja) argumentaw favur miżura mifruxa mal-UE kollha għal reġistrazzjoni mandatorja tal-identità tal-utenti tas-servizzi mħallsin minn qabel. Ma ġiet ipprovduta l-ebda evidenza dwar l-effikaċja ta' dawk il-miżuri nazzjonali. Il-limiti potenzjali ġew enfasizzati, pereżempju fil-każijiet ta' serq ta' identità jew fejn SIM card tinxtara minn parti terza jew minn utent li jagħmel roaming b'card mixtrija f'pajjiż terz. B'mod ġenerali, il-Kummissjoni mhijiex konvinta li f'dan l-istadju jeħtieġ li tittieħed azzjoni f'dan il-qasam fuq il-livell tal-UE.

6. L-IMPATT TAŻ-ŻAMMA TAD-DEJTA FUQ L-OPERATORI U FUQ IL-KONSUMATORI

6.1. L-operaturi u l-konsumaturi

F'dikjarazzjoni konġunta lill-Kummissjoni, ħames assoċjazzjonijiet prinċipali tal-industrija ddikjaraw li l-impatt ekonomiku tad-Direttiva kien wieħed "sostanzjali" [traduzzjoni mhux

¹¹⁰ Il-Belġju, ir-Repubblika Ċeka u l-Litwanja

¹¹¹ Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-ġlieda kontra l-użu ħażin u l-użu anonimu kriminali tal-komunikazzjonijiet elettroniki [traduzzjoni mhux uffiċjali].

uffiċjali] jew “enormi għal operaturi iżgħar fid-daqs” [traduzzjoni mhux uffiċjali] għaliex id-Direttiva tħalli “marġni wiesa’ għal manuvri”¹¹² [traduzzjoni mhux uffiċjali]. Tmien operaturi ppreżentaw estimi tan-nefqa li jvarjaw ħafna f’termini ta’ spiża kapitali u operazzjonali għall-osservanza tad-Direttiva. Dawn l-affermazzjonijiet jistgħu jiġu kkonfermati minn indikazzjonijiet tal-livelli ta’ rimborż tal-ispejjeż tal-operaturi kif ġew irrapportati minn erbgħa mill-Istati Membri (ara t-Tabella 6).

Studju li sar qabel it-traspożizzjoni tad-Direttiva f’ħafna mill-Istati Membri sab li l-ispiża biex tkun stabbilita sistema għaż-żamma tad-dejta għal fornitur tas-servizzi tal-internet li jaqdi nofs miljun klijent hija ta’ madwar EUR 375 240 fl-ewwel sena u minn hemm ‘il quddiem EUR 9 870 spejjeż operazzjonali fix-xahar¹¹³, u l-ispejjeż biex tkun stabbilita sistema għall-irkupru tad-dejta jammontaw għal EUR 131 190, bl-ispejjeż operattivi jammontaw għal EUR 28 960 fix-xahar. Madankollu, il-Qorti Kostituzzjonali Ġermaniża fis-sentenza tagħha tat-2 ta’ Marzu 2010 sabet li l-impożizzjoni tal-obbligu tal-ħżin ma kienx “b’mod partikolari eċċessivament ta’ piż għall-fornituri tas-servizz [lanqas] sproporzjonat rigward il-piżijiet finanzjarji tal-impriżi bħala riżultat tal-obbligu tal-ħżin”¹¹⁴. L-ispejjeż tal-ħżin għal kull unit ta’ dejta huma negattivament relatati mad-daqs tal-operatur u l-livell ta’ standardizzazzjoni adottata minn Stat Membru għal interazzjoni mal-operaturi¹¹⁵.

Il-maġġoranza tal-operaturi, fit-tweġibiet tagħhom għall-kwestjonarju tal-Kummissjoni, ma setgħux jikkwantifikaw l-impatt tad-Direttiva fuq il-kompetizzjoni, il-prezzijiet bl-imnut fuq il-konsumaturi jew l-investiment f’infrastruttura u servizzi.

M’hemmx evidenza ta’ xi effetti kwantifikabbli jew sostanzjali li d-Direttiva għandha fuq il-prezzijiet għall-konsumatur tas-servizzi tal-komunikazzjonijiet elettroniċi; ma kienx hemm kontribuzzjonijiet mir-rappreżentanti tal-konsumaturi fil-konsultazzjoni pubblika tal-2009. Sondaġġ li sar fil-Ġermanja f’isem organizzazzjoni tas-soċjetà ċivili indika li l-konsumaturi kellhom l-intenzjoni li f’ċerti ċirkostanzi jbiddu l-komportament tagħhom ta’ komunikazzjoni u jevitaw l-użu ta’ komunikazzjonijiet elettroniċi, madankollu ma teżisti ebda evidenza biex tikkorrobora li saret xi bidla fil-komportament fi kwalunkwe Stat Membru kkonċernat jew fl-UE ingenerali¹¹⁶.

Il-Kummissjoni bi ħsiebha tanalizza l-impatt ta’ tibdil futur fid-Direttiva fuq l-industrija u fuq il-konsumaturi, inkluż, possibbilment, permezz ta’ sondaġġ speċifiku tal-Eurobarometer biex tiskandalja l-perċezzjonijiet tal-pubbliku.

6.2. Ir-rimborż tal-ispejjeż

Id-Direttiva ma tirregolax ir-rimbors tal-ispejjeż li jsiru mill-operaturi bħala riżultat tar-rekwiżit taż-żamma tad-dejta. Dawn l-ispejjeż jistgħu jinftiehemu bħala li huma:

¹¹² http://www.gsmeurope.org/documents/Joint_Industry_Statement_on_DRD.PDF

¹¹³ Wilfried Gansterer & Michael Ilger, Data retention – The EU Directive 2006/24/EC from a Technological Perspective [Iż-żamma tad-dejta – Id-Direttiva tal-UE 2006/24/KE minn perspettiva teknoloġika], Wien: Verlag Medien und Recht, 2008

¹¹⁴ Bundesverfassungsgericht, 1 BvR 256/08 tat-2 Marzu 2010, para. 299.

¹¹⁵ <http://www.etsi.org/website/technologies/lawfulinterception.aspx>

¹¹⁶ Is-sondaġġ sar minn Forsa u kien ikkummissjonat minn AK Vorratsdatenspeicherung. http://www.vorratsdatenspeicherung.de/images/forsa_2008-06-03.pdf

- (a) *nefqa operattiva*, jiġifieri spejjeż operattivi jew spejjeż rikorrenti li jkunu relatati mat-tħaddim tan-negozju, ma' apparat, ma' komponent, ma' biċċa tagħmir jew ma' faċilita; kif ukoll;
- (b) *nefqa kapitali*, jiġifieri infiq li joħloq benefiċċji futuri, jew l-ispiża biex jiġu żviluppati jew ipprovduti partijiet mhux ta' konsum għall-prodott jew għas-sistema, li tista' tinkludi l-ispiża tal-ħaddiema u l-ispejjeż tal-faċilità bħall-kera u l-utilitajiet.

L-Istati Membri kollha jiżuraw xi forma ta' rimborż jekk id-dejta tkun mitluba fil-kuntest ta' proċedura kriminali fil-qorti. Żewġ Stati Membri rrapportaw li huma jirrimborżaw kemm in-nefqa operattiva kif ukoll dik kapitali. Sitta jirrimborżaw biss in-nefqa operattiva. Ma ġiet notifikata ebda forma oħra ta' rimborż lill-Kummissjoni. Id-dettalji qegħdin fit-Tabella 6.

Tabella 6: L-Istati Membri li jirrimborżaw l-ispejjeż			
Stat Membru	Nefqa operattiva	Nefqa kapitali	Spejjeż annwali ta' rimborż (EUR miljun)
Il-Belġju	Iva	Le	22 (2008)
Il-Bulgarija	Le	Le	-
Ir-Repubblika Ċeka	Id-Direttiva ma ġietx trasposta ¹¹⁷ .		
Id-Danimarka	Iva	Le	-
Il-Ġermanja	Id-Direttiva ma ġietx trasposta		
L-Estonja	Iva	Le	-
L-Irlanda	Le	Le	-
Il-Greċja	Le	Le	-
Spanja	Le	Le	-
Franza	Iva	Le	-
L-Italja	-	-	-
Ċipru	Le	Le	-
Il-Latvja	Le	Le	-
Il-Litwanja	Iva, jekk it-talba tkun ġustifikata.	Le	-
Il-Lussemburgu	Le	Le	-
L-Ungerija	Le	Le	-
Malta	Le	Le	-
Il-Pajjiżi l-Baxxi	Iva	Le	-
L-Awstrija	Id-Direttiva ma ġietx trasposta		
Il-Polonja	Le	Le	-
Il-Portugall	Le	Le	-
Ir-Rumanija	Id-Direttiva ma ġietx trasposta		
Is-Slovenja	Le	Le	-
Is-Slovakkja	Le	Le	-
Il-Finlandja	Iva	Iva	1
L-Isvezja	Id-Direttiva ma ġietx trasposta		
Ir-Renju Unit	Iva	Iva	55 (irrimborżati b'kollox għal spejjeż li saru matul tliet snin)

¹¹⁷ Qabel ma ġiet annullata l-liġi Ċeka li tittrasponi, ir-Repubblika Ċeka kien jirrimborża kemm in-nefqa operazzjonali kif ukoll kapitali u rrapportat EUR6,8 miljuni frimborzi għall-2009.

Minn dak li ngħad iktar 'il fuq jista' jiġi konkluż li d-Direttiva ma laħqitx għal kollox l-għan tagħha li tistabbilixxi kundizzjonijiet ugwali għall-operaturi kollha fl-UE. Il-kummissjoni għalhekk se tikkunsidra l-possibiltajiet sabiex ikunu minimizzati l-ostakoli għall-funzjonament tas-suq intern billi jiġi żgurat li l-operaturi jiġu rrimborżati b'mod iktar konsistenti għall-ispejjeż li jkollhom talli jikkonformaw irwieħhom mar-rekwiżiti taż-żamma tad-dejta, b'attenzjoni partikolari għall-impriżi ż-żgħar u ta' daqs medju.

7. L-IMPLIKAZZJONIJIET TAŻ-ŻAMMA TAD-DEJTA GĦAD-DRITTIJET FUNDAMENTALI

7.1. Id-drittijiet fundamentali għall-privatezza u għall-protezzjoni tad-dejta personali

Iż-żamma tad-dejta, tikkostitwixxi limitu għad-dritt għal haġja provata u l-protezzjoni ta' dejta personali li fl-UE huma drittijiet fundamentali¹¹⁸. Limitazzjoni ta' din ix-xorta, skont l-Artikolu 52(1) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali, għandha tkun "prevista mil-liġi u għandha tirrispetta l-essenza ta' daww id-drittijiet bla ħsara għall-prinċipju ta' proporzjonalità", u tkun iġġustifikata kif ikun meħtieġ u fejn jintlaħqu l-għanijiet ta' interess ġenerali rikonoxxuti mill-UE jew tiġi sodisfatta l-hteġa li jiġu protetti d-drittijiet u l-libertajiet tal-oħrajn. Fil-prattika dan ifisser li kwalunkwe limitazzjoni trid¹¹⁹:

- (a) tkun formulata f'manjera ċara u prevedibbli;
- (b) tkun metieġa li tilħaq objettiv ta' interess ġenerali jew li tiproteġi d-drittijiet u l-libertajiet tal-oħrajn;
- (c) għandha tkun fi proporzjon mal-għan mixtieq; kif ukoll;
- (d) tippreżerva l-essenza tad-drittijiet fundamentali kkonċernati.

L-Artikolu 8(2) tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem jirrikonoxxi wkoll li l-interferenza minn awtorità pubblika tad-dritt ta' persuna għall-privatezza tista' tkun iġġustifikata, kif ikun meħtieġ, fl-interess tas-sigurtà nazzjonali, tas-sikurezza pubblika jew tal-prevenzjoni tal-kriminalità¹²⁰. L-Artikolu 15(1) tad-Direttiva dwar il-Privatezza Elettronika u l-premessi għad-Direttiva dwar iż-Żamma tad-Dejta jirrepetu dawn il-prinċipji li jirfdu l-approċċ tal-UE għaż-żamma tad-dejta.

Sussegwentement, il-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja u tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem żviluppat il-kundizzjonijiet li jridu jiġu sodisfatti minn kwalunkwe

¹¹⁸ L-Artikolu 7 u l-Artikolu 8 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (ĠU C 83, 30.3.2010, p. 389) jiggarrantixxi li kull persuna għandha d-dritt "għall-protezzjoni ta' data personali li tirrigwardaha". L-Artikolu 16 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (ĠU C 83, 30.3.2010, p. 1) ukoll jinkludi d-dritt ta' kull persuna "għall-protezzjoni ta' data personali li tirrigwardaha".

¹¹⁹ Ara l-lista ta' kontroll tal-Kummissjoni dwar id-Drittijiet Fundamentali għall-proposti leġiżlattivi kollha fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni COM (2010) 573/4, 'Strateġija għall-implimentazzjoni effettiva tal-Karta dwar id-Drittijiet Fundamentali mill-Unjoni Ewropea'.

¹²⁰ L-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali (ETS Nru 5), Il-Kunsill tal-Ewropa, 4.11.1950

limitu għad-dritt għall-privatezza. Dawn is-sentenzi huma ta' rilevanza għal jekk id-Direttiva għandhiex tiġi emendata, partikolarment f'termini tal-kundizzjonijiet għall-aċċess għal dejta miżmuma u għall-użu tagħha.

Kwalunkwe limitu għad-dritt għall-privatezza jrid ikun preċiż u jippermetti l-prevedibbiltà.

Fil-kawża *Österreichischer Rundfunk*, il-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja ddeċidiet li kwalunkwe interferenza fil-liġi rigward id-dritt għall-privatezza trid tkun 'ifformulata b'bizzżejjed preċiżjoni li tippermetti liċ-ċittadin jaġġusta l-imġieba tiegħu skont dan...[sabiex tkun konformi mal-] hteieġa tal-prevedibbiltà.'

Kwalunkwe restrizzjoni għad-dritt għall-privatezza trid tkun strettament meħtieġa b'salvagwardji minimi.

Fil-kawża *Copland vs Ir-Renju Unit* li kienet tikkonċerna l-monitoraġġ tat-telefonati, tal-korrispondenza bl-email u tal-użu tal-internet ta' persuna mill-Istat, il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem sostniet li restrizzjoni ta' din ix-xorta għad-dritt għall-privatezza tista' tiġi kkunsidrata bħala meħtieġa biss jekk tkun ibbażata fuq leġiżlazzjoni domestika rilevanti¹²¹. F'S. u *Marper v Ir-Renju Unit*, li kienet tikkonċerna ż-żamma tal-profilu tad-DNA jew tal-marki tas-swaba' ta' kwalunkwe persuna meħlusa mill-akkużi li wettqet delitt jew li l-proċeduri fil-konfront tagħha twaqqfu qabel kwalunkwe kundanna, il-Qorti sostniet li restrizzjoni ta' din ix-xorta għad-dritt għall-privatezza tista' tkun iġġustifikata biss jekk twieġeb għal hteieġa soċjali imperattiva jekk tkun proporzjonata għall-għan mixtieq u jekk ir-raġunijiet imressqa mill-awtorità pubblika sabiex tiġġustifikaha jkunu rilevanti u suffiċjenti¹²². Il-prinċipji ewlenin tal-protezzjoni tad-dejta kienu jeżiġu li ż-żamma tad-dejta tkun proporzjonata b'relazzjoni mal-iskop tal-ġbir, u li l-perjodu tal-ħżin ikun wieħed limitat¹²³. Għat-tapping tat-telefonati, għas-sorveljanza sigrieta u għall-ġbir ta' intelligence bil-moħbi "[kien] essenzjali [...] li jkun hemm regoli ċari u dettaljati li jirregolaw l-ambitu u l-applikazzjoni tal-miżuri, kif ukoll salvagwardji minimi li jikkonċernaw, fost l-oħrajn, it-tul, il-ħżin, l-użu, l-aċċess ta' partijiet terzi, il-proċeduri sabiex ikunu ppreservati l-integrità u l-kunfidenzjalità tad-dejta u l-proċeduri għall-qerda tagħha, biex b'hekk ikunu pprovdu ti bizzżejjed garanziji kontra r-riskju ta' abbuż u ta' arbitrarjetà" [traduzzjoni mhux uffiċjali].

Kwalunkwe limitu għad-dritt għall-privatezza jrid ikun proporzjonat għall-interess ġenerali

Bl-istess mod, il-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja, fid-deċiżjoni tagħha dwar il-kawża *Schecke & Eifert* li kienet tikkonċerna l-pubblikazzjoni fuq l-internet tar-riċeventi kollha ta' sussidji agrikoli¹²⁴, sabet li ma kienx jidher li l-leġiżlatura tal-UE kienet ħadet passi xierqa sabiex jintlaħaq bilanċ bejn ir-rispett tal-kontenut essenzjali tad-dritt għall-privatezza u l-interess ġenerali (it-trasparenza) kif ġie rikonoxxut mill-UE. B'mod partikolari il-Qorti sabet li l-leġiżlatura ma kinex ikkunsidraw metodi oħra li jkunu iktar konsistenti mal-oġettiv filwaqt li jkun hemm inqas interferenza mad-dritt tal-benefiċjarji tas-sussidji għar-rispett lejn il-ħajja

¹²¹ Copland v Ir-Renju Unit, Sentenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, Strasburgu t-3 ta' April 2007, p.9

¹²² Marper v Ir-Renju Unit, Sentenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, Strasburgu, 4.12.2007, p.31

¹²³ Marper, p. 30.

¹²⁴ C-92/09, Volker u Markus Schecke GbR v Land Hessen u C-93/09, Eifert v Land Hessen u Bundesanstalt für Landwirtschaft und Ernährung, 9.11.10.

privata tagħhom u l-protezzjoni tad-dejta personali. Bħala riżultat, il-Qorti sostniet li l-leġislaturi kienu marru 'lil hinn mil-limiti tal-proporzjonalità, minħabba li 'limitazzjoni rigward il-protezzjoni tad-dejta personali trid tapplika biss safejn hu strettament meħtieġ.'

7.2. Kritika għall-prinċipju taż-żamma tad-dejta

Għadd ta' organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili kitbu lill-Kummissjoni fejn argumentaw li ż-żamma tad-dejta, fil-prinċipju, hija restrizzjoni inġustifikata u mhux meħtieġa għad-dritt għall-privatezza tal-individwi. Huma jikkunsidraw li ż-żamma "komprensiva u indiskriminatorja" [traduzzjoni mhux uffiċjali] mhux kunsenswali tad-dejta dwar it-traffiku, dwar il-lok u dwar l-abbonati tat-telekomunikazzjonijiet tal-individwi hija restrizzjoni illegali għad-drittijiet fundamentali. Wara kawża li tressqet quddiem il-qorti fi Stat Membru (l-Irlanda) minn grupp tad-drittijiet ċivili, il-kwistjoni tal-legalità tad-Direttiva għandha tiġi rrinvijata quddiem il-Qorti Ewropea tal-Gustizzja¹²⁵. Barra minn hekk il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Dejta esprima dubji rigward il-ħtieġa tal-miżura.

7.3. Is-sejħiet għal regoli dwar is-sigurtà tad-dejta u dwar il-protezzjoni tad-dejta iktar b'saħħithom

Ir-rapport tal-Grupp ta' Ħidma tal-Artikolu 29 dwar it-tieni azzjoni ta' infurzar argumenta li l-ksur tal-kunfidenzjalità tal-komunikazzjonijiet u tal-libertà tal-espressjoni kien inerenti fil-ħżin ta' kwalunkwe dejta dwar it-traffiku. Huwa kkritika ċerti aspetti tal-implimentazzjoni nazzjonali, b'mod partikolari r-reġistrazzjoni tad-dejta, il-perjodi ta' żamma, it-tip ta' dejta miżmuma u l-miżuri ta' sigurtà tad-dejta. Il-Grupp ta' Ħidma rrapporta każijiet fejn inżammu dettalji tal-kontenut ta' komunikazzjonijiet relatati mal-internet, li huwa barra mill-ambitu tad-Direttiva, inklużi l-indirizzi ta' destinazzjoni tal-IP u l-URL tal-websajts, l-intestatura tal-emails u l-lista ta' riċeventi fil-qasam "cc". Għalhekk, huwa talab li jkun hemm kjarifika li l-kategoriji huma eżawrjenti, u li l-ebda obbligu addizzjonali ta' żamma tad-dejta ma għandu jkun impost fuq l-operaturi.

Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Dejta asserixxa li d-Direttiva "naqset milli tarmonizza l-leġislazzjoni nazzjonali" [traduzzjoni mhux uffiċjali] u li l-użu tad-dejta miżmuma mhux limitat b'mod strett għall-ġlieda kontra l-kriminalità serja¹²⁶. Huwa ddikjara li strument tal-UE li jikkonsisti f'regoli dwar iż-żamma obbligatorja tad-dejta, fil-każ li tintwera l-ħtieġa, għandu wkoll ikun jikkonsisti f'regoli dwar l-aċċess ta' dawk li jinfurzar il-liġi u dwar użu ulterjuri. Huwa talab lill-UE sabiex tadotta qafas leġislattiv komprensiv li mhux biss jimponi obbligi fuq l-operaturi sabiex iżommu d-dejta, imma wkoll jirregola kif l-Istati Membri jużaw id-dejta għal skopijiet ta' infurzar tal-liġi, sabiex tinħoloq "ċertezza legali għaċ-ċittadini" [traduzzjoni mhux uffiċjali].

B'mod ġenerali, l-awtoritajiet tal-protezzjoni tad-dejta argumentaw li ż-żamma tad-dejta fiha nfisha timplika riskju ta' ksur potenzjali tal-privatezza, li d-Direttiva ma tindirizzax fuq livell tal-UE, imma minflok teżiġi li l-Istati Membri jiżguraw irwieħhom li jiġu osservati r-regoli nazzjonali dwar il-protezzjoni tad-dejta. Filwaqt li ma hemm l-ebda eżempju konkret ta' ksur

¹²⁵ Fil-5 ta' Mejju 2010, il-High Court Irlandiża laqgħet it-talba ta' Digital Rights Ireland Limited għal rinviu quddiem il-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja taħt l-Artikolu 267 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

¹²⁶ Diskors minn Peter Hustinx waqt il-konferenza "Kif għandna nimplimentaw id-Direttiva dwar iż-Żamma tad-Dejta [Taking on the Data Retention Directive]", it-3 ta' Diċembru 2010.

serju tal-privatezza, ir-riskju ta' ksur tas-sigurtà tad-dejta se jibqa' u jista' jikber bl-iżviluppi fit-teknoloġija u fit-tendenzi fil-forom ta' komunikazzjonijiet, irrispettivament minn jekk id-dejta tinħażinx għal skopijiet kummerċjali jew ta' sigurtà, fi ħdan jew barra mill-UE, sakemm ma jiġux stabbiliti iktar salvagwardji.

8. KONKLUŻJONIJIET U RAKKOMANDEZZJONIJIET

Dan ir-rapport enfażizza numru ta' beneficiċċji u ta' oqsma għal titjib tas-sistema attwali taż-żamma tad-dejta fl-UE. L-UE adottat id-Direttiva fi żmien ta' allert kbir minħabba attacki terroristiċi imminenti. Il-valutazzjoni tal-impatt li bi ħsiebha tagħmel il-Kummissjoni jipprova opportunità li ssir analiżi taż-żamma tad-dejta fl-UE fil-konfront tat-testijiet tan-neċessità u tal-proporzjonalità, rigward u fl-interessi tas-sigurtà interna, tal-funzjonament mingħajr problemi tas-suq intern u tat-tisħiħ tar-rispett għall-privatezza u għad-dritt fundamentali għall-protezzjoni tad-dejta personali. Il-proposta tal-Kummissjoni għar-reviżjoni tal-qafas dwar iż-żamma tad-dejta għandha tibni fuq il-konklużjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet li ġejjin.

8.1. L-UE għandha tappoġġja u tirregola ż-żamma tad-dejta bħala miżura għas-sigurtà

Diversi Stati Membri huma tal-fehma li r-regoli tal-UE dwar iż-żamma tad-dejta jibqgħu neċessarji bħala għodda għall-infurzar tal-liġi, il-protezzjoni tal-vittmi u s-sistemi tal-investigazzjoni kriminali. L-evidenza fil-forma ta' statistiċi u eżempji, li pprovdew l-Istati Membri hija f'ċerti aspetti limitata iżda minkejja dan tixhed għar-rwol importanti li għandha ż-żamma tad-dejta għall-investigazzjoni kriminali. Din id-dejta tipprova informazzjoni u evidenza siewja fil-prevenzjoni u fil-prosekuzzjoni tad-delitti u biex tkun żgurata l-ġustizzja kriminali. L-użu tagħha rriżulta f'kundanni għal reati kriminali li, mingħajr iż-żamma tad-dejta, setgħu ma jiġu solvuti qatt. Irriżultat ukoll fil-ħelsien ta' persuni innoċenti. Ir-regoli armonizzati f'dan il-qasam jiżguraw li l-għodda taż-żamma tad-dejta tkun effettiva biex tiġi miġġielda l-kriminalità, li l-industrija jkollha ċ-ċertezza legali f'suq intern li jiffunzjona mingħajr problemi, u li l-livelli għoljin tar-rispett għall-privatezza u tal-protezzjoni tad-dejta personali jkunu applikati b'mod konsistenti mal-UE kollha.

8.2. It-traspożizzjoni ma kinitx l-istess għal kulħadd

Il-leġislazzjoni ta' traspożizzjoni hija fis-seħħ fi 22 Stat Membru. Il-libertà wiesgħa li tħalliet f'idejn l-Istati Membri biex jadottaw il-miżuri ta' żamma taħt l-Artikolu 15(1) tad-Direttiva dwar il-Privatezza Elettronika tagħmel il-valutazzjoni tad-Direttiva dear iż-Żamma tad-Dejta ferm problematika. Hemm differenzi konsiderevoli bejn il-liġi ta' traspożizzjoni fl-oqsma tal-limitazzjoni tal-iskop, l-aċċess għad-dejta, il-perjodi ta' żamma, il-protezzjoni tad-dejta u s-sigurtà tad-dejta u l-istatistiċi. Tliet Stati Membri kisru d-Direttiva peress li l-leġislazzjoni ta' traspożizzjoni tagħhom ġiet annullata mill-qrati konstituzzjonali rispettivi tagħhom. Żewġ Stati Membri oħrajn għad iridu jittrasponu. Il-Kummissjoni se tkompli taħdem mal-Istati Membri kollha sabiex tagħti għajjnuna ħalli tkun żgurata l-implimentazzjoni effettiva tad-Direttiva. Se tkompli wkoll bir-rwol tagħha li tinforza l-liġi tal-UE, fl-aħħar mill-aħħar billi tuża l-proċeduri ta' ksur jekk dan ikun mitlub.

8.3. Id-Direttiva la armonizzat b'mod sħiħ l-approċċ għaż-żamma tad-dejta u lanqas ħolqot kundizzjonijiet ugwali għall-operaturi kollha

Id-Direttiva żgurat li ż-żamma tad-dejta issa ssir fil-parti l-kbira tal-Istati Membri. Id-Direttiva ma tagħtix fiha nfisha garanzija li d-dejta miżmuma qed tinħażen, tiġi rkuprata u użata f'konformità sħiħa mad-dritt tal-privatezza u l-protezzjoni tad-dejta personali. Ir-responsabbiltà biex ikunu żgurati dawn id-drittijiet hija tal-Istati Membri. Id-Direttiva fittxet biss armonizzazzjoni parzjali tal-approċċi għaż-żamma tad-dejta; għalhekk, mhuwiex sorprendenti li ma hemm l-ebda approċċ komuni, kemm f'termini ta' dispożizzjonijiet speċifiċi tad-Direttiva, bħal limitu għall-iskopijiet jew perjodi ta' żamma, kif ukoll f'termini ta' aspetti li jaqgħu barra mill-ambitu, bħar-rimborż tal-ispejjeż. Madankollu, 'lil hinn mill-grad ta' varjazzjoni li espliċitament tippovdi għaliha d-Direttiva, id-differenzi fl-applikazzjoni nazzjonali taż-żamma tad-dejta ippreżentaw ħafna diffikultajiet għall-operturi.

8.4. L-operaturi għandhom jiġu rrimborżati għall-ispejjeż li jagħmlu b'mod iktar konsistenti

Qed ikompli l-istat ta' nuqqas ta' ċertezza legali għall-industrija. L-obbligu li tinżamm u tiġi rkuprata d-dejta jirrappreżenta spiża sostanzjali għall-operaturi, speċjalment operaturi iżgħar fid-daqs, u l-operaturi jiġu affettwati u rimborżati b'mod differenti f'uħud mill-Istati Membri meta pparagunati ma' oħrajn, għalkemm ma hemm l-ebda evidenza li s-settur tat-telekomunikazzjonijiet b'mod ġenerali ġie affettwat ħażin minħabba d-Direttiva. Il-Kummissjoni se tikkunsidra modi kif jiġi pprovdut rimborż konsistenti għall-operaturi.

8.5. Tiġi żgurata l-proporzjonalità fil-proċess mill-bidu sal-aħħar tal-ħżin, tal-irkupru u tal-użu

Il-Kummissjoni se tiżgura li kwalunkwe proposta futura dwar iż-żamma tad-dejta tirrispetta l-prinċipju tal-proporzjonalità u tkun xierqa biex jintlaħaq l-għan li tkun miġġielda l-kriminalità serja u t-terroriżmu u li ma tmurx 'il hinn minn dak li hu meħtieġ biex dan isir. Se tirrikonoxxi li kwalunkwe eżenzjoni jew limitazzjoni rigward il-protezzjoni ta' dejta personali għandha tapplika biss safejn huwa meħtieġ. Se tikkunsidra fil-fond l-implikazzjonijiet għall-effikaċja u għall-effiċjenza tas-sistema tal-infurzar tal-liġi u tal-ġustizzja kriminali, għall-privatezza u għall-ispejjeż għall-amministrazzjoni pubblika u għall-operaturi ta' regolamentazzjoni iktar stretta tal-ħżin, tal-aċċess għal u tal-użu tad-dejta miżmuma. B'mod partikolari, fil-valutazzjoni tal-impatt għandhom jiġu eżaminati l-oqsma li ġejjin:

- konsistenza fil-limitazzjoni tal-iskop taż-żamma tad-dejta u fit-tipi ta' delitti sabiex ikun possibbli l-aċċess għal dejta miżmuma u l-użu tagħha;
- iktar armonizzazzjoni tal-perjodi ta' żamma mandatorja tad-dejta, u possibbilment it-tqassir tagħhom;
- tkun żgurata superviżjoni indipendenti tat-talbiet għal aċċess u għas-sistema globali taż-żamma tad-dejta u l-aċċess tagħha applikati fl-Istati Membri kollha;
- jiġu limitati l-awtoritajiet li jkunu awtorizzati jkollhom aċċess għad-dejta;
- jitnaqqsu l-kategoriji tad-dejta li għandhom jinżammu;

- gwida dwar miżuri tekniċi u sigurtà organizzattiva għal aċċess tad-dejta, inklużi l-proċeduri ta' trasferiment;
- gwida dwar l-użu tad-dejta inkluża l-prevenzjoni tal-estrazzjoni tad-dejta; kif ukoll;
- jiġu żviluppati metrika u proċeduri ta' rapportar fattibbli sabiex ikunu ffaċiliti t-tqabbil tal-applikazzjoni u l-evalwazzjoni ta' strument futur.

Il-Kummissjoni se tikkunsidra wkoll jekk approċċ tal-UE għall-preservazzjoni tad-dejta jistax jikkomplementa ż-żamma tad-dejta u jekk iva kif għandu jsir dan.

B'referenza għal-lista ta' kontroll rigward id-drittijiet fundamentali u l-approċċ għall-ġestjoni tal-informazzjoni fil-qasam tal-libertà, is-sigurtà u l-ġustizzja¹²⁷, tal-Kummissjoni se tikkunsidra kull wieħed minn dawn l-oqsma skont il-prinċipji tal-proporzjonalità u r-rekwiżit tal-prevedibbiltà. Il-Kummissjoni se tiżgura wkoll li jkun hemm konsistenza mar-reviżjoni tal-qafas għall-protezzjoni tad-dejta tal-UE¹²⁸.

8.6. Il-passi li jmiss

Fid-dawl ta' din il-valutazzjoni, il-Kummissjoni se tipproponi reviżjoni tal-qafas attwali dwar iż-żamma tad-dejta. Se toħloq numru ta' alternattivi f'konsultazzjoni maż-żamma tal-ordni, il-ġudikatura, l-industrija u gruppi tal-konsumaturi, l-awtoritajiet tal-protezzjoni tad-dejta u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili. Se tirriċerka perċezzjonijiet pubbliċi ulterjuri dwar iż-żamma tad-dejta u l-impatt tagħha fuq il-komportament. Dak li jirriżulta se jikkontribwixxi għal valutazzjoni tal-impatt tal-alternattivi ta' politika li jiġu identifikati li se tipprovdi l-bażi għall-proposta tal-Kummissjoni.

¹²⁷ Ara r-referenza hawn fuq għall-komunikazzjoni dwar l-implimentazzjoni tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali; 'Deskrizzjoni ġenerali tal-ġestjoni tal-informazzjoni fil-qasam tal-libertà, is-sigurtà u l-ġustizzja', COM(2010)385, 20.07.2010;

¹²⁸ COM (2010) 609, 4.11.2010.

Anness: Statistiċi addizzjonali dwar iż-żamma tad-dejta dwar it-traffiku

Noti għall-Anness

1. L-età tad-dejta tfisser iż-żmien li jkun għadda bejn id-data li fiha nżammet id-dejta u d-data li fiha l-awtorità kompetenti talbet it-trasmissjoni tad-dejta.
2. Dejta relatata mal-internet tfisser dejta rigward l-aċċess għall-internet, email bl-internet u telefonija bl-internet.
3. Statistiċi għar-Repubblika Ċeka, il-Latvja u l-Polonja huma suġġetti għal caveat (ara Taqsima 5.1).

Statistiċi sottomessi mill-Istati Membri għall-2008

Tabella 7: Talbiet għal dejta dwar it-traffiku miżmuma skont l-età, fl-2008									
Età tad-dejta mitluba (xhur)/Stat Membru	0-3	3-6	6-9	9-12	12-15	15-18	18-21	21-24	Total
Il-Belġju	Mhux ipprovdut								
Il-Bulgarija	Mhux ipprovdut								
Ir-Repubblika Ċeka	102691	18440	10110	319	0	0	0	0	131560
Id-Danimarka	2669	672	185	37	23	2	7	4	3599
Il-Ġermanja	9363	2336	985	0	0	0	0	0	12684
L-Estonja	2773	733	157	827	0	0	0	0	4490
L-Irlanda	8981	2016	936	1855	90	85	78	54	14095
Il-Greċja	Ebda tqassim bl-età pprovdut								
Spanja	22629	15868	10298	4783	0	0	0	0	53578
Franza	Ebda tqassim bl-età pprovdut								
L-Italja	Mhux ipprovdut								
Ċipru	30	4	0	0	0	0	0	0	34
Il-Latvja	10539	2739	1368	1211	597	438	0	0	16892
Il-Litwanja	55735	23817	5251	512	0	0	0	0	85315
Il-Lussemburgu	Mhux ipprovdut								
L-Ungerija	Mhux ipprovdut								
Malta	810	59	0	0	0	0	0	0	869
Il-Pajjiżi l-Baxxi	Ebda tqassim bl-età pprovdut								
L-Awstrija	Ebda tqassim bl-età pprovdut								
Il-Polonja	Mhux ipprovdut								
Il-Portugall	Mhux ipprovdut								
Ir-Rumanija	Mhux ipprovdut								
Is-Slovenja	Ebda tqassim bl-età pprovdut								
Is-Slovakkja	Mhux ipprovdut								
Il-Finlandja	9134	1144	448	214	268				4008
L-Isvezja	Mhux ipprovdut								
Ir-Renju Unit	315350	88339	34665	19398	6385	2973	1536	1576	470222
Total	533504	156167	64403	29156	7095*	3230*	1353*	1366*	1392281

* Minbarra l-Finlandja

Tabella 8: Talbiet għal dejta dwar it-traffiku miżmuma skont it-tip ta' dejta fl-2008 (fil-parentesi in-numru ta' każi fejn it-talbiet għad-dejta ma setgħux jintlaqgħu – jekk ipprovdut)				
Tip ta' dejta/ Stat Membru	Telefonija fissa	Telefonija ċellulari	Relatati mal-internet	Total
Il-Belġju	Mhux ipprovdut			
Il-Bulgarija	Mhux ipprovdut			
Ir-Repubblika Ċeka	4983 (131)	125040 (2276)	1537 (83)	131560 (2490)
Id-Danimarka	192 (0)	3273 (5)	134 (0)	3599 (5)
Il-Ġermanja	Ebda tqassim bit-tip ta' dejta pprovdut			12684 (931)
L-Estonja	4114 (1519)	376 (7)	Mhux ipprovdut	4490 (1526)
L-Irlanda	5317 (16)	5873 (48)	2905 (33)	14095 (97)
Il-Greċja	Ebda tqassim bit-tip ta' dejta pprovdut			584
Spanja	4448 (0)	40013 (0)	9117 (0)	53578 (0)
Franza	Ebda tqassim bit-tip ta' dejta pprovdut			503437
L-Italja	Mhux ipprovdut			
Ċipru	3 (0)	31 (5)	0 (0)	34 (5)
Il-Latvja	1602 (90)	14238 (530)	1052 (76)	16892 (696)
Il-Litwanja	765 (72)	84550 (5657)	Mhux ipprovdut	85315 (5729)
Il-Lussemburgu	Mhux ipprovdut			
L-Ungerija	Mhux ipprovdut			
Malta	29 (0)	748 (120)	92 (13)	869 (133)
Il-Pajjiżi l-Baxxi	Ebda tqassim bit-tip ta' dejta pprovdut			85000
L-Awstrija	Ebda tqassim bit-tip ta' dejta pprovdut			3093
Il-Polonja	Mhux ipprovdut			
Il-Portugall	Mhux ipprovdut			
Ir-Rumanija	Mhux ipprovdut			
Is-Slovenja	Ebda tqassim bit-tip ta' dejta pprovdut			2821
Is-Slovakkja	Mhux ipprovdut			
Il-Finlandja	Ebda tqassim bit-tip ta' dejta pprovdut			4008
L-Isvezja	Mhux ipprovdut			
Ir-Renju Unit	90747 (0)	329421 (0)	50054 (0)	470222 (0)
Total				1392281

Tabella 9: Talbiet għal dejta dwar it-traffiku tan-netwerk tat-telefonija fissa miżmuma li kienet trasmessa, bl-età, fl-2008									
Età tad-dejta mitluba (xhur)/Stat Membru	0-3	3-6	6-9	9-12	12-15	15-18	18-21	21-24	Total
Il-Belġju	Mhux ipprovdut								
Il-Bulgarija	Mhux ipprovdut								
Ir-Repubblika Ċeka	3669	916	143	124	0	0	0	0	4852
Id-Danimarka	133	28	31	0	0	0	0	0	192
Il-Ġermanja	Mhux ipprovdut								
L-Estonja	1876	161	74	484	0	0	0	0	2595
L-Irlanda	4118	712	197	182	32	21	23	16	5301
Il-Greċja	Mhux ipprovdut								
Spanja	1948	1431	741	328	0	0	0	0	4448
Franza	Mhux ipprovdut								
L-Italja	Mhux ipprovdut								
Ċipru	3	0	0	0	0	0	0	0	3
Il-Latvja	698	213	167	193	104	137	0	0	1512
Il-Litwanja	251	442	0	0	0	0	0	0	693
Il-Lussemburgu	Mhux ipprovdut								
L-Ungerija	Mhux ipprovdut								
Malta	28	1	0	0	0	0	0	0	29
Il-Pajjiżi l-Baxxi	Mhux ipprovdut								
L-Awstrija	Mhux ipprovdut								
Il-Polonja	Mhux ipprovdut								
Il-Portugall	Mhux ipprovdut								
Ir-Rumanija	Mhux ipprovdut								
Is-Slovenja	Mhux ipprovdut								
Is-Slovakkja	Mhux ipprovdut								
Il-Finlandja	Mhux ipprovdut								
L-Isvezja	Mhux ipprovdut								
Ir-Renju Unit	54805	27052	5340	753	1135	437	1050	175	90747
Total	67529	30956	6693	2064	1271	595	1073	191	110372

Tabella 10: Talbiet għal dejta dwar it-traffiku tat-telefonija ċellulari miżmuma li kienet trasmessa. bl-età, fl-2008									
Età tad-dejta mitluba (xhur)/Stat Membru	0-3	3-6	6-9	9-12	12-15	15-18	18-21	21-24	Total
Il-Belġju	Mhux ipprovdut								
Il-Bulgarija	Mhux ipprovdut								
Ir-Repubblika Ċeka	98232	17013	7518	1	0	0	0	0	122764
Id-Danimarka	2433	628	143	33	20	1	7	3	3268
Il-Ġermanja	Mhux ipprovdut								
L-Estonja	248	58	35	28	0	0	0	0	369
L-Irlanda	4326	820	230	240	57	63	52	37	5825
Il-Greċja	Mhux ipprovdut								
Spanja	17403	12114	7444	3052	0	0	0	0	40013
Franza	Mhux ipprovdut								
L-Italja	Mhux ipprovdut								
Ċipru	23	3	0	0	0	0	0	0	26
Il-Latvja	8928	2298	1085	746	394	257	0	0	13708
Il-Litwanja	55484	23375	14	20	0	0	0	0	78893
Il-Lussemburgu	Mhux ipprovdut								
L-Ungerija	Mhux ipprovdut								
Malta	575	53	0	0	0	0	0	0	628
Il-Pajjiżi l-Baxxi	Mhux ipprovdut								
L-Awstrija	Mhux ipprovdut								
Il-Polonja	Mhux ipprovdut								
Il-Portugall	Mhux ipprovdut								
Ir-Rumanija	Mhux ipprovdut								
Is-Slovenja	Mhux ipprovdut								
Is-Slovakkja	Mhux ipprovdut								
Il-Finlandja	Mhux ipprovdut								
L-Isvezja	Mhux ipprovdut								
Ir-Renju Unit	229375	52241	26228	16040	3333	521	339	1344	329421
Total	417027	108603	42697	20160	3804	842	398	1384	594915

Tabella 11: Talbiet għal dejta dwar it-traffiku <i>relatat mal-internet</i> miżmuma li kienet trasmessa. bl-età, fl-2008									
Età tad-dejta mitluba (xhur)/Stat Membru	0-3	3-6	6-9	9-12	12-15	15-18	18-21	21-24	Total
Il-Belġju	Mhux ipprovdut								
Il-Bulgarija	Mhux ipprovdut								
Ir-Repubblika Ċeka	737	412	137	168	0	0	0	0	1454
Id-Danimarka	102	14	11	2	3	1	0	1	134
Il-Ġermanja	Mhux ipprovdut								
L-Estonja	Mhux ipprovdut								
L-Irlanda	492	460	498	1422	0	0	0	0	2872
Il-Greċja	Mhux ipprovdut								
Spanja	3278	2323	2113	1403	0	0	0	0	9117
Franza	Mhux ipprovdut								
L-Italja	Mhux ipprovdut								
Ċipru	0	0	0	0	0	0	0	0	0
Il-Latvja	424	150	75	219	74	34	0	0	976
Il-Litwanja	Mhux ipprovdut								
Il-Lussemburgu	Mhux ipprovdut								
L-Ungerija	Mhux ipprovdut								
Malta	76	3	0	0	0	0	0	0	79
Il-Pajjiżi l-Baxxi	Mhux ipprovdut								
L-Awstrija	Mhux ipprovdut								
Il-Polonja	Mhux ipprovdut								
Il-Portugall	Mhux ipprovdut								
Ir-Rumanija	Mhux ipprovdut								
Is-Slovenja	Mhux ipprovdut								
Is-Slovakkja	Mhux ipprovdut								
Il-Finlandja	Mhux ipprovdut								
L-Isvezja	Mhux ipprovdut								
Ir-Renju Unit	31170	9046	3097	2605	1917	2015	147	57	50054
Total	36279	12408	5931	5819	1994	2050	147	58	64686

Statistiċi sottomessi mill-Istati Membri għall-2009

Tabella 12: Talbiet għal dejta miżmuma skont l-età, 2009									
Età tad-dejta mitluba (xhur)/Stat Membru	0-3	3-6	6-9	9-12	12-15	15-18	18-21	21-24	Total
Il-Belġju	Mhux ipprovdut								
Il-Bulgarija	Mhux ipprovdut								
Ir-Repubblika Ċeka	210975	56623	11620	1053	0	0	0	0	280271
Id-Danimarka	2980	685	179	104	54	38	12	14	4066
Il-Ġermanja	Mhux ipprovdut								
L-Estonja	4299	1836	1210	1065	0	0	0	0	8410
L-Irlanda	8117	1652	805	297	168	134	69	41	11283
Il-Greċja	Mhux ipprovdut								
Spanja	29775	19346	13999	6970	0	0	0	0	70090
Franza	Ebda tqassim bl-età pprovdut								514813
L-Italja	Mhux ipprovdut								
Ċipru	31	8	1	0	0	0	0	0	40
Il-Latvja	20758	2414	1088	796	565	475	0	0	26096
Il-Litwanja	30247	35456	5886	884	0	0	0	0	72473
Il-Lussemburgu	Mhux ipprovdut								
L-Ungerija	Mhux ipprovdut								
Malta	3336	362	151	174	0	0	0	0	4023
Il-Pajjiżi l-Baxxi	Mhux ipprovdut								
L-Awstrija	Mhux ipprovdut								
Il-Portugall	Mhux ipprovdut								
Ir-Rumanija	Mhux ipprovdut								
Il-Polonja	642327	178306	75525	52526	27098	23924	13984	34628	1048318
Is-Slovenja	Ebda tqassim bl-età pprovdut								1918
Is-Slovakkja	Ebda tqassim bl-età pprovdut								5214
Il-Finlandja	2000	1310	532	152	76	0	0	0	4070
L-Isvezja	Mhux ipprovdut								
Ir-Renju Unit	Mhux ipprovdut								
Total	954845	297998	110996	64021	27961	24571	14065	34683	2051085

Tabella 13: Talbiet għal dejta miżmuma skont it-tip ta' dejta fl-2009 (fil-parentesi in-numru ta' każi fejn it-talbiet għad-dejta ma setgħux jintlaqgħu – jekk ipprovdut)				
Tip ta' dejta/ Stat Membru	Telefonija fissa	Telefonija ċellulari	Relatati mal-internet	Total
Il-Belġju	Mhux ipprovdut			
Il-Bulgarija	Mhux ipprovdut			
Ir-Repubblika Ċeka	13843 (934)	256074 (9141)	10354 (371)	280271 (10446)
Id-Danimarka	133 (0)	3771 (10)	162 (1)	4066 (11)
Il-Ġermanja	Mhux ipprovdut			
L-Estonja	6422 (2279)	902 (21)	1086 (468)	8410 (2768)
L-Irlanda	4542 (16)	5239 (20)	1502 (56)	11283 (92)
Il-Greċja	Mhux ipprovdut			
Spanja	5055 (0)	56133 (0)	8902 (0)	70090 (0)
Franza	Ebda tqassim bit-tip ta' dejta pprovdut			514813
L-Italja	Mhux ipprovdut			
Ċipru	0 (0)	23 (3)	14 (0)	40 (3)
Il-Latvja	1672 (218)	22796 (102)	1628 (240)	26096 (560)
Il-Litwanja	1321 (0)	51573 (6237)	19579 (343)	72473 (6580)
Il-Lussemburgu	Mhux ipprovdut			
L-Ungerija	Mhux ipprovdut			
Malta	156 (10)	3693 (882)	174 (10)	4023 (902)
Il-Pajjiżi l-Baxxi	Mhux ipprovdut			
L-Awstrija	Mhux ipprovdut			
Il-Polonja	Ebda tqassim bit-tip ta' dejta pprovdut			1048318
Il-Portugall	Mhux ipprovdut			
Ir-Rumanija	Mhux ipprovdut			
Is-Slovenja	Ebda tqassim bit-tip ta' dejta pprovdut			1918 (48)
Is-Slovakkja	Ebda tqassim bit-tip ta' dejta pprovdut			5214 (157)
Il-Finlandja	Ebda tqassim bit-tip ta' dejta pprovdut			4070
L-Isvezja	Mhux ipprovdut			
Ir-Renju Unit	Mhux ipprovdut			
Total				2051082 (1069885)

Tabella 14: Talbiet għal dejta rigward in-netwerk tat-telefonija fissa miżmuma li kienet trasmessa, bl-età, fl-2009									
Età tad-dejta mitluba (xhur)/Stat Membru	0-3	3-6	6-9	9-12	12-15	15-18	18-21	21-24	Total
Il-Belġju	Mhux ipprovdut								
Il-Bulgarija	Mhux ipprovdut								
Ir-Repubblika Ċeka	9919	2907	47	36	0	0	0	0	12909
Id-Danimarka	105	19	7	2	0	0	0	0	133
Il-Ġermanja	Mhux ipprovdut								
L-Estonja	2254	866	599	424	0	0	0	0	4143
L-Irlanda	3934	337	69	70	50	39	16	11	4526
Il-Greċja	Mhux ipprovdut								
Spanja	2371	1492	844	348	0	0	0	0	5055
Franza	Mhux ipprovdut								
L-Italja	Mhux ipprovdut								
Ċipru	0	0	0	0	0	0	0	0	0
Il-Latvja	744	253	157	143	68	89	0	0	1454
Il-Litwanja	469	773	73	6	0	0	0	0	1321
Il-Lussemburgu	Mhux ipprovdut								
L-Ungerija	Mhux ipprovdut								
Malta	83	25	18	20	0	0	0	0	146
Il-Pajjiżi l-Baxxi	Mhux ipprovdut								
L-Awstrija	Mhux ipprovdut								
Il-Polonja	Mhux ipprovdut								
Il-Portugall	Mhux ipprovdut								
Ir-Rumanija	Mhux ipprovdut								
Is-Slovenja	Mhux ipprovdut								
Is-Slovakkja	Mhux ipprovdut								
Il-Finlandja	Mhux ipprovdut								
L-Isvezja	Mhux ipprovdut								
Ir-Renju Unit	Mhux ipprovdut								
Total	19879	6672	1814	1049	118	128	16	11	29687

Tabella 15: Talbiet għal dejta dwar telefonija b'ċellulari miżmuma li kienet trasmessa. bl-età, fl-2009									
Età tad-dejta mitluba (xhur)/Stat Membru	0-3	3-6	6-9	9-12	12-15	15-18	18-21	21-24	Total
Il-Belġju	Mhux ipprovdut								
Il-Bulgarija	Mhux ipprovdut								
Ir-Repubblika Ċeka	197620	48841	472	0	0	0	0	0	246933
Id-Danimarka	2777	639	162	98	47	19	12	7	3761
Il-Ġermanja	Mhux ipprovdut								
L-Estonja	318	397	96	70	0	0	0	0	881
L-Irlanda	3669	835	220	210	115	92	50	28	5219
Il-Greċja	Mhux ipprovdut								
Spanja	24065	15648	11147	5273	0	0	0	0	56133
Franza	Mhux ipprovdut								
L-Italja	Mhux ipprovdut								
Ċipru	17	16	0	0	0	0	0	0	23
Il-Latvja	18832	1912	778	515	394	263	0	0	22694
Il-Litwanja	25713	19595	28	0	0	0	0	0	45336
Il-Lussemburgu	Mhux ipprovdut								
L-Ungerija	Mhux ipprovdut								
Malta	2332	246	111	122	0	0	0	0	2811
Il-Pajjiżi l-Baxxi	Mhux ipprovdut								
L-Awstrija	Mhux ipprovdut								
Il-Polonja	Mhux ipprovdut								
Il-Portugall	Mhux ipprovdut								
Ir-Rumanija	Mhux ipprovdut								
Is-Slovenja	Mhux ipprovdut								
Is-Slovakkja	Mhux ipprovdut								
Il-Finlandja	Mhux ipprovdut								
L-Isvezja	Mhux ipprovdut								
Ir-Renju Unit	Mhux ipprovdut								
Total	275343	88119	13014	6288	556	374	62	35	383791

Tabella 16: Talbiet għal dejta dwar it-traffiku <i>relatat mal-internet</i> miżmuma li kienet trasmessa. bl-età, fl-2009									
Età tad-dejta mitluba (xhur)/Stat Membru	0-3	3-6	6-9	9-12	12-15	15-18	18-21	21-24	Total
Il-Belġju	Mhux ipprovdut								
Il-Bulgarija	Mhux ipprovdut								
Ir-Repubblika Ċeka	3369	4811	861	942	0	0	0	0	9983
Id-Danimarka	98	27	10	4	4	7	0	1	151
Il-Ġermanja	Mhux ipprovdut								
L-Estonja	315	145	56	102	0	0	0	0	618
L-Irlanda	489	455	502	0	0	0	0	0	1446
Il-Greċja	Mhux ipprovdut								
Spanja	3339	2206	2008	1349	0	0	0	0	8902
Franza	Mhux ipprovdut								
L-Italja	Mhux ipprovdut								
Ċipru	12	2	0	0	0	0	0	0	14
Il-Latvja	852	198	74	90	88	86	0	0	1388
Il-Litwanja	4060	15087	1	88	0	0	0	0	19236
Il-Lussemburgu	Mhux ipprovdut								
L-Ungerija	Mhux ipprovdut								
Malta	150	14	0	0	0	0	0	0	164
Il-Pajjiżi l-Baxxi	Mhux ipprovdut								
L-Awstrija	Mhux ipprovdut								
Il-Polonja	Mhux ipprovdut								
Il-Portugall	Mhux ipprovdut								
Ir-Rumanija	Mhux ipprovdut								
Is-Slovenja	Mhux ipprovdut								
Is-Slovakkja	Mhux ipprovdut								
Il-Finlandja	Mhux ipprovdut								
L-Isvezja	Mhux ipprovdut								
Ir-Renju Unit	Mhux ipprovdut								
Total	12684	22945	3512	2575	92	93	0	1	41902